**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.),**
**B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan Ransley)**

**vs.**

**OMISSIS**

Kumpilazzjoni Numru: 41/2019

Illum 24 ta' Ġunju 2020

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat **OMISSIS** akkużat talli f'dawn il-gżejjer, fis-17 ta' Diċembru 2016;

1.

Bi vjolenza, ikkommetta stupru fuq persuna tas-sess il-wieħed jew l-ieħor meta l-istess persuna u ċioe' OMISSIS mill-Qala, Għawdex, tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-piena stabbilita skont il-Liġi, jogħġobha tordna l-ħruġ ta' ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta a favur ta' OMISSIS mill-Qala, Għawdex u membri tal-familja;

Rat in-Nota tal-Avukat Ġenerali (*a fol.* 187) datata 12 ta' Diċembru 2019 li permezz tagħha bagħat lill-imputat OMISSIS biex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif maħsub taħt:

(1) fl-Artikoli 198; 201(b) u 206 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
(2) fl-Artikoli 383, 384, 385, u 386 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
(3) fl-Artikoli 17, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat illi, waqt l-udjenza tad-19 ta' Diċembru 2019 (*a fol.* 188), ġew moqrija l-Artikoli mibgħuta mill-Avukat Ġenerali fit-12 ta' Diċembru

2019, u f'liema seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat u deċiż minn din il-Qorti bi proċedura sommarja.

Semgħet, waqt is-seduta tad-19 ta' Diċembru 2020, lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li ma kellhiex aktar provi xi tressaq f'dan il-każ u b'hekk għalqet il-provi tagħha;

Semgħet, waqt is-seduta tad-19 ta' Diċembru 2020, lill-Uffiċċjal Prosekutur l-Ispettur Jonathan Ransley jiddikjara li l-Prosekuzzjoni se tistrieħ fuq l-atti proċesswali;

Semgħet, waqt is-seduta tad-19 ta' Diċembru 2020, sottomissjonijiet finali da parte ta' Dr. Giannella De Marco għall-imputat;

Rat l-atti kollha ta' dan il-proċediment u d-dokumenti esebiti.

**Il-fatti specie tal-każ**[1]

Fis-sbatax (17) ta' April elfejn u dsatax (2019) ġew ġewwa l-għassa OMISSIS flimkien mal-avukat tagħha Dottor Lara Dimitrijevic fejn din stqarret illi fis-sittax (16) ta' Diċembru 2016 kienet ħarġet flimkien ma' sħabha biex tiċċelebra l-birthday f'Sound Salon, l-ex Aria Complex f'San Ġwann. Wara nofsillejl, kienet infirdet minn ma'

[1] Xhieda tal-Uffiċċjal Prosekutur l-Ispettur Bernardette Vallette fl-1 ta' Awwissu 2019

sħabha, u kienet ma' ċertu OMISSIS u l-imputat OMISSIS. Minn hemmhekk hi m'għandiex *recollection* ħafna, taf li spiċċat ġewwa l-appartament Tas-Swatar u minn hemmhekk hi qamet, m'għandiex memorja ċara, blurs biss għandha u qamet filgħodu għarwiena fis-sodda maġenb OMISSIS. Hi stqarret illi x'ħin qamet qalilha biex tqum tilbes u titlaq għax kien ġej ħuh mat-tfajla tiegħu. Fil-fatt hi hekk għamlet u minn hemmhekk imxietha sal-flat tagħha fl-Imsida stess. Hi ukoll tat lill-pulizija chat li niżżlet mill-mobile l-Ispettur Bernardette Valletta fejn juru illi għall-bidu kien hemm diskursati normali, iżda mbagħad meta hi bdiet taffaċċjah, għax imbagħad bdew jiġuha recollections ta' x'ġara u ma ġarax, affaċċjatu fiċ-chat fejn għal diversi drabi jgħidilha, "*it was the best night of this life*." L-aħħar chat ta' bejniethom kienet fl-erbgħa (4) ta' Mejju elfejn u tmintax (2018) fl-erbgħa u tlieta u ħamsin minuta ta' waranofsinhar (4.53 p.m.).

Fis-sitta u għoxrin (26) ta' April elfejn u dsatax (2019) l-Ispettur Valletta ppreżentat rikors biex jinħareg mandat ta' arrest, liema mandat kien iffirmat mill-Maġistrat Claire Zammit Stafrace. Dan wara żmien kien skada u reġgħet talbet ieħor fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' Ġunju elfejn u dsatax (2019). Fid-disgħa (9) ta' Lulju elfejn u dsatax (2019) l-imputat meta għamlu kuntatt miegħu l-Pulizija ta' Għawdex, kien infurmahom li qiegħed Baħar iċ-Ċagħaq u hu niżel l-għassa l-Imsida. Meta wasal l-għassa l-Imsida ġie infurmat li kien taħt arrest, ingħata kopja tal-mandat u ngħata wkoll id-drittijiet

kollha.Huwa għażel li jikkonsulta mal-avukat Dottor Giannella De Marco u ħa l-parir legali ġewwa l-lock-up bejn id-disgħa u tlettax-il minuta sal-għaxra u tnejn u ħamsin minuta ta' filgħaxija (9.13 – 10.52 p.m.). Imbagħad ittieħdet stqarrija fl-għaxra (10) ta' Lulju elfejn u dsatax (2019) u din fil-preżenza wkoll tal-Avukat Dottor Giannella De Marco. Fl-istqarrija l-imputat innega l-allegazzjonijiet fil-konfront tiegħu. Imbagħad tressaq il-Qorti quddiem il-Maġistrat Nadine Lia nhar il-ħdax (11) ta' Lulju elfejn u dsatax (2019).

**XHIEDA**

F'dan il-proċess xehdu ħames (5) xhieda:

Spettur Bernardette Valletta (*a fol.* 47 *et seq.*), OMISSIS – bis-sistema tal-Video Conferencing (*a fol.* 126 *et seq.*), OMISSIS (*a fol.* 175 *et seq.*), OMISSIS (*a fol.* 180 *et seq.*) u l-imputat OMISSIS (*a fol.* 194 et seq).

**KUNSIDERAZZJONIJIET ĠENERALI**

**<u>Il-verita' storika</u>**[2]

[2] Ara spjega dettaljata tal-Imħallef Aaron Bugeja fl-Appell Kriminali numru 237/2017 Il-**Pulizija vs Massimo Bonello** deċiż 6 ta' Frar 2020

L-akbar sfida li jkollu kull Ġudikant hi li huwa jkun jixtieq dejjem jasal li jiskopri l-verita' storika. Dan peress li l-evidenza li jkollu quddiemu kemm dik diretta, kif ukoll u, a maggior ragione, dik indiretta, mhux dejjem neċessarjament iwassluh għal dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur għaliex il-Qrati mhux dejjem ikunu f'qagħda li jikxfu l-verita' storika mit-testimonjanza tax-xhieda li jixhdu quddiemhom. U f'kull każ, il-Qorti ma għandiex il-fakulta' u s-setgħa li tidħol fil-profondita' tal-moħħ, qalb u kuxjenza tax-xhud li jkun xehed quddiemha b'mod li tkun tista' tistabbilixxi ċ-ċertezza assoluta ta' dak li jkun qed jaħseb u jgħid billi taqralu moħħu u qalbu.

Mill-banda l-oħra l-evidenza indiretta, dik li tistrieħ prinċipalment fuq iċ-ċirkostanzi u li tkun bażata fuq l-analiżi taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, għalkemm mhix giddieba, tista' tkun qarrieqa. Huwa għalhekk li dawn il-Qrati dejjem straħu fuq il-massima li biex l-evidenza ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun inevitabbilment univoka. Ċioe' li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni waħda biss. U xejn ħliefha. Għax altrimenti, din it-tip ta' evidenza tista' tiżvija lill-Ġudikant mir-riċerka tiegħu tal-verita'.

Il-Liġi penali ma teħtieġx li biex persuna tiġi misjuba ħatja tkun trid tiġi stabbilita s-sufficjenza probatorja taċ-ċertezza assoluta, u dan għaliex Qorti rari ħafna tista' tkun konfrontata b'dan il-livell ta'

prova. Fil-Liġi Maltija, bħal dawk li jsegwu l-proċedura penali mnissla mis-sistema Anglo-Sassoni, huwa biżżejjed li Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni mill-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni, u li ma jkunux ġew newtralizzati fuq bażi ta' probabbilta' mid-Difiża, sabiex tkun tista' ssib ħtija.

Dawn il-provi pero' jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli stabbiliti tal-evidenza fi proċedimenti penali, ċioe' l-***Law of Evidence***. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fuq il-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sa' dak il-grad ta' prova, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut, in kwantu f'din l-eventwalita', din ix-xhieda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ppruvat minn żewġ xhieda jew aktar u tkun tista' ssib ħtija fl-akkużat.

Iżda jekk mill-banda l-oħra Qorti tkun teħtieġ prova teknika jew xjentifika u għalhekk tkun teħtieġ ħila jew sengħa speċjali, tkun teħtieġ li tiġi magħmula perizja minn persuni kwalifikati fil-qasam partikolari li tkun tolqot dik il-prova. Fis-sistema penali Malti, mhux ammess li tiġi prodotta xhieda esperta ex parte. Il-periti nominati mill-Qorti, jitħarrku bħal xhieda oħra, u huma mistennija li fl-aħħar tal-perizja tagħhom jipproduċu rapport, bil-fomm jew bil-miktub, lill-Qorti li tkun ħatrithom. Dawn ix-xhieda esperti jistgħu jixhdu dwar il-fatti u ċirkostanzi mistħarġa minnhom u li fuqhom ikunu bbażaw

ir-rapport tagħhom. Konsegwentement, a differenza ta' xhieda oħra, jistgħu jesprimu opinjoni fuq il-materja teknika li għaliha huma jkunu ġew maħtura. Fil-qadi ta' din il-mansjoni, dawn ix-xhieda jridu jaħilfu r-rapport tagħhom u meta jixhdu huma jagħmlu dan bil-ġurament.

Fattur ieħor importanti msemmi fil-Liġi Maltija huwa li meta dawn il-periti, matul ix-xogħol tagħhom ikunu ħadu informazzjoni mingħand persuni oħra fuq ċirkostanzi ta' fatt, dawn il-persuni għandhom jissemmew fir-rapport u jridu jiġi mismugħin fil-Qorti bħal kull xhud ieħor – dment pero' li l-perit ma jkunx semgħa lil dawn ix-xhieda hu stess u bil-ġurament skont dak imsemmi fl-artikolu 650(5) tal-Kodiċi Kriminali. Eċċezzjonalment pero', jekk il-Qorti tħoss il-ħtieġa li dawn ix-xhieda jinstemgħu xorta waħda tista' tordna li jinstemgħu quddiemha. Dan jista' jiġri wkoll fuq talba tal-imputat.

Imbagħad, dik il-Qorti wara li tkun għarblet kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta, biex tkun tista' ssib ħtija fl-imputat, il-Qorti tkun trid tkun żgura moralment, *sure* bl-Ingliż u fis-sistema Legali Ingliż,[3] li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni in bażi għall-provi ammissibbli li jitressqu quddiemha.

[3] **R v Majid**, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2

Il-grad ta' sufficjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ fis-sistema Ġuridiku Malti sabiex Qorti ta' ġustizzja kriminali tkun tista' ssib persuna akkużata ħatja ta' reat. Huwa livell li ma' jeħtieġx iċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbiltajiet. Fil-każ Ingliż **Majid**,[4] Lord Moses stqarr hekk :

> *Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.*

Inoltre, fil-ktieb tagħhom **The Modern Law on Evidence**, Adrian Keane u Paul McKeown[5] jgħidu s-segwenti :

> *In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.*

[4] ibid.
[5] Oxford University Press, 2012, p. 106 – 108.

Sabiex tara jekk dan il-livell ta' sufficjenza probatorja intlaħaqx din il-Qorti trid, inter alia, tara jekk u safejn persuna tkun qed tixhed is-sewwa bil-prinċipji provduti lilha fl-artikolu 637[6] tal-Kodiċi Kriminali. Jekk il-Qorti tqis li, applikati dawn il-prinċipji, xhud ikun qiegħed jixhed is-sewwa, allura tkun tista' toqgħod fuq dak li jkun qed jgħid jew fuq parti minn dak li jkun qed jgħid skont il-każ. Jispetta dejjem lil min ikun irid jiġġudika l-fatti jiddeċiedi jekk, applikati dawn il-prinċipji, jemminx xhud f'dak kollu li jkun qed jgħid jew safejn jemmen minn dak li jkun qed jgħid, u dan japplika wkoll meta x-xhud ikun xhud waħdieni tal-fatti allegati.

Huwa biss meta jkun hemm id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, u fuq stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imressqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża li jwassal sabiex dak il-livell ta prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni jkun jista' jingħad li ma ntlaħaqx u li allura, bħala konsegwenza, l-akkużat ikun irid jiġi dikjarat mhux ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.

---

[6] Artikolu 637 tal-Kapitolu 9 jipprovdi gwida ċara lill-Ġudikant kif għandu japprezza xhieda ta' xhud:
*id-deċizjoni titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xhieda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.*

Biss, kif intqal aktar 'il fuq, hija l-Liġi stess li, qabel xejn, tafda dan l-eżerċizzju f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati, u dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati tkun fl-aħjar qagħda tqis il-provi kollha għax tkun għexet personalment il-proċess quddiemha. Hija setgħet tara u tisma' lix-xhieda jixhdu quddiemha, inkluż setgħet tara u tisma' lill-imputat jixhed. Dan l-eżerċizzju ta' analiżi tat-testimonjanza tax-xhieda huwa mħolli prinċipalment f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati li tkun rat u semgħet dawn ix-xhieda quddiemha u għalhekk l-eżerċizzju tal-analiżi u apprezzament tal-provi mill-Qorti tal-Maġistrati stess huwa eżerċizzju importanti ħafna u għandu jingħata l-piż li jixraqlu.

Kemm dan l-eżerċizzju tal-Qorti tal-Maġistrati huwa meħtieġ, joħroġ ukoll mill-ġurisprudenza Maltija, bħal fil-kawża Il-**Pulizija vs Lorenzo Baldacchino** deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti tal-Appell deċiża nhar it-30 ta' Marzu 1963 mill-Imħallef William Harding fejn intqal is-segwenti : -

> Lanqas hu traskurabili l-fatt li l-ewwel Qorti kienet impressjonata bil-mod serju u sod li bih xehdet din Consiglia kif hemm rikordat fis-sentenza stess. Ma hemmx bżonn jinghad li l-komportament tax-xhud (demeanour) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara **Powell, On Evidence**, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Ingliżi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "*great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived*" (idem, p. 700),

appuntu ghaliex "*he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination*".

Ghalhekk, kontra l-imputat hemm oltre dak li sejjer jingħad, dawn iż-żewġ xhidiet li ma gewx bl-ebda mod żvalorizzati, u li jassodaw pjenament l-imputazzjoni.

**Ix-xhieda tal-*parte civile* OMISS**

Il-***parte civile* OMISSIS**[7] xehdet permezz tal-*video-conferencing*:

*Ix-xhud:*
*Dan ir-rapport sar fis-sbatax (17) ta' April u kont għamiltu mal-Ispettur Bernardette.*
*Spettur Bernardette Valletta:*
*Ta' liema sena?*
*Ix-xhud:*
*Ta' din is-sena, elfejn u dsatax (2019).*
*Spettur Bernardette Valletta:*
*U fejn kont meta għamiltu?*
*Ix-xhud:*
*Ġewwa l-għassa tal-Imsida.*
*Spettur Bernardette Valletta:*
*Tista' tgħidilna xi stqarrejt int f'dan ir-rapport lill-Ispettur?*
*Ix-xhud:*
*Li fis-sbatax (17) tal-elfejn u sittax (2016) ta' Diċembru, kont qiegħda party ma' sħabi ġewwa Sound Salon u kont xrobt naqra mhux ħażin u*
*Spettur Bernardette Valletta:*
*Mela ħa nibdew naqra lura. Int ma' min tlajt dan il-party?*
*Ix-xhud:*
*Jien tlajt ma' sħabi tal-klassi li kont qed nagħmel il-kors magħhom u kelli l-birthday dakinhar jiġifieri kont se nixrob.*
*Spettur Bernardette Valletta:*
*Fis-sittax (16) ta' Diċembru mort għall-party li semmejt?*

[7] Seduta tal-1 ta' Awwissu 2019 *a fol.* 126 *et seq.*

*Ix-xhud:*
*Iva. Fis-sittax (16) ta' Diċembru mort għall-party u xrobt niftakar li ġie l-bodyguard fuqi u fuq seħbiti u qalilha jekk ħa tibqa' sejra hekk –*
*Spettur Bernardette Valletta:*
*Seħibtek x'jisimha?*
*Ix-xhud:*
*OMISSIS. U qalilha li jekk m'iniex se nkun sew ħa jkollha toħroġni 'l barra minn hemmhekk. U f'dak il-mument stess jien tellajtlu fuq iż-żarbun. Il-bodyguard qal lil seħbiti li jekk se nkompli nkun ħażin se jkollha toħroġni 'l barra u dak il-ħin stess jien tellajtlu fuq iż-żarbun. I blacked out. Minn dak il-ħin li niftakar xi ħadd refgħani u ħariġni barra u mbagħad niftakar li kont qiegħda ġo xi taxi u ħariġli l-flus OMISSIS minn ġol-basket biex iħallas it-taxi nassumi.*
*Spettur Bernardette Valletta:*
*OMISSIS x'kunjomu?*
*Ix-xhud:*
*OMISSIS.*
*Il-Qorti:*
*U kif taf li ħariġlek il-flus minn ġol-basket?*
*Ix-xhud:*
*Għax rajtlu wiċċu.*
*Il-Qorti:*
*Rajtlu wiċċu. Jiġifieri int kont għadek f'sensik dak il-ħin?*
*Ix-xhud:*
*Le. I was blacking out. I wasn't all the time there u mbagħad ħadni l-flat tiegħu –*
*Il-Qorti:*
*Le, imma la fetaħlek il-basket biex jieħu, jiġifieri qallek hu li għamel hekk jew rajtu jagħmel hekk?*
*Spettur Bernardette Valletta:*
*Int rajtu jagħmel hekk b'għajnejk OMISSIS? Joħroġ il-flus minn ġol-,*
*Ix-xhud:*
*Le imma qalli, "ħa noħodlok five euros biex inħallas it-taxi."*
*Il-Qorti:*
*Jiġifieri smajtu jgħid hekk.*
*Ix-xhud:*
*Iva.*
*Il-Qorti:*
*U int għidtlu minn fejn joħodhom jekk fetaħ il-handbag hux hekk? Jew qabad u fetaħ hu l-handbag?*
*Ix-xhud:*
*Qabad u fetaħ hu l-handbag. Dak biss kelli. Ma naħsibx li kelli flus fuqi. U wara niftakar li xi ħadd neżani u mbagħad wara dik il-ħaġa li niftakar li qomt għarwiena maġenbu u mbagħad hu kien imqajjem u qalli ilbes u mur id-dar*

*għax ġej ħija hawnhekk mat-tfajla tiegħu. U allura kelli nilbes, il-ħwejjeġ kollha remettar u nerġa' mmur il-flat tiegħi bil-mixi, kulħadd idoqq il-horn jien u nixmi mis-Swatar sal-Imsida.*
*Imbagħad li niftakar wara dak konna fthemna li se niltaqgħu Pizza by Luca, l-Imsida. Qbadna l-bus u morna lejn Għawdex u fuq il-vapur kont għadni ntella' jiena jiġifieri. U daqshekk niftakar minn dawn il-ġranet.*

*[…]*

*Spettur Bernardette Valletta:*
*Hi qalet li telqet mill-appartament ta' OMISSIS. Kif marret mill-appartament ta' OMISSIS?*
*Ix-xhud:*
*Ma fhimtekx.*
*Il-Qorti:*
*Staqsietek li int għidt li tlaqt mill-appartament ta' OMISSIS. Int għidt li tlaqt mill-appartament ta' OMISSIS minħabba li kien ġej ħuh u t-tfajla.*
*Ix-xhud:*
*Għax hu qalli li kien ġej ħuh u t-tfajla.*
*Il-Qorti:*
*Imma int taf li meta mort bil-karozza, taxi, li qed tgħid, li mort fl-appartament ta' OMISSIS u mhux x'imkien ieħor? Issa żidtha ftit jien il-mistoqsija.*
*Ix-xhud:*
*Le, imma nassumi li kont hemmhekk għax hemmhekk qomt l-għada.*
*Il-Qorti:*
*Jiġifieri qomt x'ħin qomt sibt lil OMISSIS miegħek, jiġifieri fl-istess post.*
*Spettur Bernardette Valletta:*
*U x'ħwejjeġ kienet liebsa meta telqet minn hemmhekk.*
*Il-Qorti:*
*Mela, ħa nibdew hekk. X'ħwejjeġ kont liebsa l-post fejn iltqajtu, jiġifieri fil-post ta' divertiment meta kont bil-birthday, u xi ħwejjeġ kont liebsa meta tlaqt mill-post ta' OMISSIS?*
*Ix-xhud:*
*L-istess ħwejjeġ kont liebsa b'differenza li –*
*Il-Qorti:*
*Xi ħwejjeġ kienu? Dik li staqsietek imma jien għamiltielek qabel u wara.*
*Ix-xhud:*
*Naħseb flokk iswed u xorts bil-fjuri. U takkuna.*

*[…]*

*L-avukat parte civile:*
*OMISSIS, int qatt kellimtu lil OMISSIS dwar x'ġara dakinhar?*
*Ix-xhud:*

*Naħseb kellimtu fuq diversi drabi imma naħseb l-aktar li kienet konfrontiva kienet l-aħħar conversation.*
<u>*Il-Qorti:*</u>
*U l-aħħar conversation meta kienet?*
<u>*Ix-xhud:*</u>
*F'Mejju two thousand eighteen (2018).*
<u>*Il-Qorti:*</u>
*Issa f'Mejju two thousand eighteen (2018), il-każ jidher li ġara f'Diċembru two thousand and sixteen (2016). Għalfejn ħassejt li kellek il-konfront sentejn wara u mhux f'dak il-perjodu, jiġifieri ġimgħa, xahar? Għal x'hiex?*
<u>*Ix-xhud:*</u>
*Jien lil OMISSIS kont ilni nafu minn meta kelli fifteen (15) u minn dejjem konna ħbieb. U ma kontx nistennih li se jagħmel hekk. Fis-sens, I always excused his behaviour għax minn dejjem kien ħabib tiegħi, fis-sens ma ridtx nafferma li seta' għamel dik il-ħaġa. Hija ħaġa naħseb I couldn't accept it.*
<u>*Il-Qorti:*</u>
*Issa, ħa nirriferik, l-Ispettur kienet qalet, issa ħa tgħid x'għamel hu, l-Ispettur kienet qalet li int ma kinitx l-ewwel darba li kellek xi relazzjoni ma' xi ħadd.*
<u>*Ix-xhud:*</u>
*Le.*
<u>*Il-Qorti:*</u>
*Jiġifieri qabel dakinhar li meta OMISSIS ġara li ġara issa forsi tispjega aktar għall-mistoqsijiet, inti qabel kont ħriġt ma' nies oħra?*
<u>*Ix-xhud:*</u>
*Iva.*
<u>*Il-Qorti:*</u>
*U kellek relazzjoni sesswali magħhom?*
<u>*Ix-xhud:*</u>
*Iva.*

<u>*[…]*</u>

<u>*Spettur Bernardette Valletta:*</u>
*Mela, x'għamel hu għax hi qed tgħid li ma setgħetx taċċetta dak li għamel?*
<u>*Ix-xhud:*</u>
*Li użani f'mument li ma kontx, ma stajtx nagħti l-kunsens tiegħi fil-fehma tiegħi.*
<u>*Il-Qorti:*</u>
*Imma inti, inti, b'li ġralek għax qallek hu jew inkella taf li ġralek xi ħaġa? Jiġifieri int x'ġara f'dak il-post ma tafx x'ġara.*
<u>*Ix-xhud:*</u>
*Naf xi ġrali.*
<u>*Il-Qorti:*</u>
*Taf x'ġara għax qallek hu?*

*Ix-xhud:*

*Kelli gaps, kelli gaps kbar u fil-conversation bdejt nistaqsih għalfejn għamilha l-ħaġa u beda jgħidli li kien hemm xi ħadd ieħor li neżżagħni u darbtejn qalli li kien hemm xi ħadd ieħor ineżżagħni, u beda jgħidli affarijiet li għamel dak il-lejl.*

*Spettur Bernardette Valletta:*

*Tiftakarhom dawn l-affarijiet imma li għamel?*

*Il-Qorti:*

*Mhux li qallek hu.*

*Ix-xhud:*

*Le.*

*Il-Qorti:*

*Insa x'qallek hu.*

*Ix-xhud:*

*Le ma niftakarhomx.*

*Il-Qorti:*

*Int biex tiftakar, għax int għidt li kellek flashes. X'tiftakar li ġara? Mela, tiftakar li dħalt f'dan il-flat jew post x'inhu?*

*Ix-xhud:*

*Le.*

*Il-Qorti:*

*Ma tiftakarx. Tiftakar min kien hemm fil-post?*

*Ix-xhud:*

*Lil OMISSIS biss niftakar.*

*[…]*

*Spettur Bernardette Valletta:*

*Nirriferi għaċ-chat għall-għada tal-allegat inċident li ġara, tista' tispjega lil din il-Qorti għala kitbet hi li 'She had fun'?*

*Ix-xhud:*

*Għaliex ma stajtx naċċettaha, kont għadni in denial u ma stajtx naċċettaha li persuna li kont ilni daqshekk nafha u li minn dejjem kelli ħbiberija sinċiera magħha setgħet għamlet dak li għamel, allura I couldn't classify it as being what it was. So I masked it sort of.*

*Il-Qorti:*

*Issa dik iċ-chat li hemm tal-għada, dik xħin bgħattha? Wara li mort id-dar jew inkella qabel? Fuq il-vapur jew fil-flat tiegħek?*

*Ix-xhud:*

*Ma niftakarx fejn kont imma ma,*

*Spettur Bernardette Valletta:*

*Mela, x'inhi r-raġuni li wara li ġara l-allegat inċident, hi baqet titkellem miegħu?*

*Ix-xhud:*

*Bħalma diġà għidt, lil OMISSIS ilni ħabiba miegħu u allura qisni dejjem bqajt immur għalih, anke biex nitkellem għax minn dejjem konna ħbieb. Fis-sens ma stajtx nemmen li hu seta' jagħmel dik il-ħaġa u aktar ma beda jgħaddi żmien aktar irrealiżżajt il-ħsara li kkaġuna hu.*
*<u>Spettur Bernardette Valletta:</u>*
*Xi ħsara ikkaġuna?*
*<u>Ix-xhud:</u>*
*Bażikament fir-relazzjoni li qiegħda bħalissa ġieli ma nħallihx imissni għax nibża' li niġi użata. Imma I'm trying to work it out so, it's not always like that. Just ma nafdax xi kultant.*

*[…]*

*<u>Spettur Bernardette Valletta:</u>*
*Inti OMISSIS tikkonferma li int r-relazzjoni ma' OMISSIS kienet ta' ħbiberija u mhux relazzjoni?*
*<u>Ix-xhud:</u>*
*Ta' ħbiberija kienet.*
*<u>Il-Qorti:</u>*
*Ħa nistaqsiha jien il-mistoqsija. Inti ma' OMISSIS, ħbiberija, orrajt, imma inti wara dan l-inċident li ġara, jekk ġara, –*
*<u>Spettur Bernardette Valletta:</u>*
*Waqt l-inċident.*
*<u>Il-Qorti:</u>*
*Le ħa nistaqsiha fuq wara, int bqajt toħroġ ma' OMISSIS bħala ħbieb jew hekk? bħala ħbieb issa mhux relazzjoni. Mhux qed ngħidlek li kellek relazzjoni.*
*<u>Ix-xhud:</u>*
*Le. Bħala ħbieb, iva, imma ma jidhirliex li erġajt ħriġt miegħu minn wara dakinhar.*
*<u>Il-Qorti:</u>*
*Jiġifieri fit-tlett snin kontu titkellmu biss biċ-chat?*
*<u>Ix-xhud:</u>*
*Jekk m'iniex sejra żball iva imma ma nafx. M'iniex ċerta fuqha l-ħaġa.*
*<u>Il-Qorti:</u>*
*Jiġifieri biċ-chat biss.*
*<u>Ix-xhud:</u>*
*Iva.*

*<u>[…]</u>*

*<u>Spettur Bernardette Valletta:</u>*
*Jekk hi kinitx qed toħroġ ma' xi ħadd f'dak iż-żmien ukoll.*
*<u>Il-Qorti:</u>*
*Jekk dakinhar li ġara l-inċident int kont qiegħda toħroġ ma' xi ħadd?*

*<u>Ix-xhud:</u>*
*Le, ma kont qed noħroġ ma' ħadd.*
*<u>Il-Qorti:</u>*
*Dakinhar ma kienet qed toħroġ ma' ħadd.*
*<u>Spettur Bernardette Valletta:</u>*
*U hu?*
*<u>Ix-xhud:</u>*
*Hu kien għarus. Kien ilu sentejn jew tlieta jekk m'iniex sejra żball.*

*[…]*

*<u>L-Avukat Dottor Giannella De Marco:</u>*
*Mela, ara OMISSIS, int dakinhar int għidt li ma kinitx l-ewwel darba tiegħek, li kellek relazzjoni sesswali ma' raġel, correct?*
*<u>Ix-xhud:</u>*
*Iva.*
*<u>L-Avukat Dottor Giannella De Marco:</u>*
*Però għal OMISSIS kienet l-ewwel darba, hux hekk?*
*<u>Ix-xhud:</u>*
*Iva.*
*<u>L-Avukat Dottor Giannella De Marco:</u>*
*And for you that was overwhelming, correct?*
*<u>Ix-xhud:</u>*
*Yes.*

*<u>L-Avukat Dottor Giannella De Marco:</u>*
*U int ftakarx l-għada li OMISSIS kienet l-ewwel darba tiegħu, hux hekk?*
*<u>Ix-xhud:</u>*
*Għax kien qalli hu imma.*
*<u>L-Avukat Dottor Giannella De Marco:</u>*
*Kien qallek hu imma waqt li kien qed ikollkom, waqt li kien qed ikollkom ir-relazzjoni?*
*<u>Ix-xhud:</u>*
*Ma niftakarx.*
*<u>L-Avukat Dottor Giannella De Marco:</u>*
*Issa, int għadek kif għidtli li qallek hu.*
*<u>Ix-xhud:</u>*
*Imma ma qallix dak il-ħin. Naħseb qalli ...*
*<u>L-Avukat Dottor Giannella De Marco:</u>*
*Ara ngħidlekx sew li hu qallek dak il-ħin. Tant hu hekk li int l-għada stess għidtlu, 'aw!, inti veru kienet l-ewwel darba tiegħek għax overwhelming. Ħaħ, ħaħ, ħaħ, ħaħ!'*
*<u>Ix-xhud:</u>*
*Le, ma qallix dak il-ħin.*

*L-Avukat Dottor Giannella De Marco:*
*Allura mela qallek? Quddiem kulħadd?*
*Ix-xhud:*
*Jew fuq il-bus jew fuq il-vapur qalli.*
*Il-Qorti:*
*Jiġifieri fuq il-bus u fuq il-vapur kontu flimkien?*
*L-Avukat Dottor Giannella De Marco:*
*Imma fuq il-bus u fuq il-vapur kien hemm in-nies magħkom il-ħin kollu?*
*Ix-xhud:*
*Iva flimkien konna.*

*[…]*

*L-Avukat Dottor Giannella De Marco:*
*Ara ngħidx sew, li OMISSIS meta int pruvajt li jkollok sess miegħu d-dar, il-flat, qallek jien qatt ma għamilt sess ma' tfajla oħra. Qallek din l-ewwel darba.*
*Ix-xhud:*
*Le, ma qalliex hekk.*
*L-Avukat Dottor Giannella De Marco:*
*Tiftakar jew ma tiftakarx?*
*Ix-xhud:*
*Ma qallix hekk. Le ma niftakarx għax ma qallix hekk.*
*L-Avukat Dottor Giannella De Marco:*
*Mela int tiftakar x'ġara? Tiftakar x'kien qed jiġri?*
*Ix-xhud:*
*Le ma niftakarx.*
*L-Avukat Dottor Giannella De Marco:*
*Mela ma tiftakarx. Mela jista' jkun li qallek hekk u ma tiftakarx, hux hekk?*
*Ix-xhud:*
*Le ma naħsibx.*
*L-Avukat Dottor Giannella De Marco:*
*Le le. Taf x'ġara jew ma tafx?*
*Ix-xhud:*
*Le ma nafx.*
*L-Avukat Dottor Giannella De Marco:*
*Mela allura jista' jkun li qallek hekk u ma tiftakarx, hux hekk OMISSIS? Trid tiddeċiedi issa!*
*Ix-xhud:*
*Eħħ! Iva.*
*L-Avukat Dottor Giannella De Marco:*
*Mela jista' jkun li qallek hekk u ma tiftakarx, hux hekk?*
*Ix-xhud:*
*Iva.*
*L-Avukat Dottor Giannella De Marco:*

*Però l-ewwel ħaġa li għidtlu l-għada, "aw!, int veru l-ewwel darba kienet tiegħek? għax it's overwhelming. Ħaħ, ħaħ, ħaħ, ħaħ!" U hu qallek, "Don't stay saying ta," because it was embarassing għalih.*
<u>*Ix-xhud:*</u>
*X'qalli?*
<u>*L-Avukat Dottor Giannella De Marco:*</u>
*Hu qallek toqgħodx tgħid.*
<u>*Il-Qorti:*</u>
*Qed niriferilha għal dok BVX2 biex hi tkun taf x'hawn esebit biex tkun taf l-affarijiet u qed tikkonferma li dik hi fir-ritratt.*
<u>*Ix-xhud:*</u>
*Jien li qed nara hawnhekk "l-aqwa li bejnietna biss please" qalli.*
<u>*L-Avukat Dottor Giannella De Marco:*</u>
*Ehe hekk hu.*
<u>*Ix-xhud:*</u>
*Hu qalli hekk naħseb biex ma jikxifx mat-tfajla tiegħu.*
<u>*L-Avukat Dottor Giannella De Marco:*</u>
*Mela ma naħsibx li qallek quddiem il-ħbieb u fuq il-bus jew fuq il-ferry li hu kienet l-ewwel darba tiegħu, hux hekk?*
<u>*Ix-xhud:*</u>
*Jista' jkun li f'xi mument –*

<u>*[…]*</u>

<u>*L-Avukat Dottor Giannella De Marco:*</u>
*Mela ara ngħidtx sew li wara meta hi ħarġet mill-flat hi marret tbiddel id-dar tagħha?*
<u>*Ix-xhud:*</u>
*Id-dar ma nafx x'għamilt imma mid-dar ħriġt mid-dar sa Pizza by Luca kont bi ħwejjeġ differenti. Jiġifieri biddilt żgur.*
<u>*L-Avukat Dottor Giannella De Marco:*</u>
*U int tlaqt mingħand Mark u tlaqt mort waħdek, hux hekk?*
<u>*Ix-xhud:*</u>
*Għax qalli hu.*
<u>*L-Avukat Dottor Giannella De Marco:*</u>
*Iva tlaqt waħdek. Correct? Stajt taqbad bus, stajt taqbad taxi, stajt imxejt, mhux hekk? Mela tlaqt waħdek, correct?*
<u>*Ix-xhud:*</u>
*Iva.*
<u>*Il-Qorti:*</u>
*Issa inti diġà spjegajt li mort bil-mixi l-Imsida, hux hekk?*
<u>*Ix-xhud:*</u>
*Iva.*
<u>*L-Avukat Dottor Giannella De Marco:*</u>

*Tiftakar li mort bil-mixi?*
*<u>Ix-xhud:</u>*
*Iva.*
*<u>L-Avukat Dottor Giannella De Marco:</u>*
*Int toqgħod viċin?*
*<u>Il-Qorti:</u>*
*Kemm kien hemm bogħod bejn il-post li kont qed tgħid ta' OMISSIS u l-post fejn kont toqgħod int?*
*<u>Ix-xhud:</u>*
*Naħseb kien hemm xi fifteen jew twenty minutes.*
*<u>Il-Qorti:</u>*
*Fifteen twenty minutes walking.*
*<u>Ix-xhud:</u>*
*Iva.*
*<u>L-Avukat Dottor Giannella De Marco:</u>*
*U allura għażilt li tmur bil-mixi, mhux bil-bus jew bit-taxi, correct?*
*<u>Ix-xhud:</u>*
*Iva.*
*<u>L-Avukat Dottor Giannella De Marco:</u>*
*Mela, u hu ma kienx miegħek meta int mort bil-mixi lejn il-flat, correct?*
*<u>Ix-xhud:</u>*
*Le.*
*<u>L-Avukat Dottor Giannella De Marco:</u>*
*The next time you saw him was on the bus, hux hekk, meta tlajtu kollha Għawdex jew inżiltu Għawdex.*
*<u>Ix-xhud:</u>*
*Konna Pizza by Luca li rajtu wara.*
*<u>L-Avukat Dottor Giannella De Marco:</u>*
*Pizza by Luca kontu l-group sħiħ, hux hekk, tal-ġuvintur u tfajliet?*
*<u>Ix-xhud:</u>*
*Kienu hemmhekk u ltqajt magħhom jien.*
*<u>L-Avukat Dottor Giannella De Marco:</u>*
*Mela int għażilt li tmur ħdejhom, qed nifhem sew?*
*<u>Ix-xhud:</u>*
*Iva.*
*<u>L-Avukat Dottor Giannella De Marco:</u>*
*U min kien hemm hemm?*
*<u>Ix-xhud:</u>*
*OMISSIS, OMISSIS u jiena.*
*<u>L-Avukat Dottor Giannella De Marco:</u>*
*OMISSIS, OMISSIS u inti. Kien hemm ħaddieħor?*
*<u>Ix-xhud:</u>*
*Le, ma niftakarx li kien hemm ħaddieħor. Jien dawk niftakar.*
*<u>L-Avukat Dottor Giannella De Marco:</u>*

*Dawk it-tnejn tiftakar. U hemmhekk ma qgħadx jgħid OMISSIS "Dik kienet l-ewwel darba għalija," hux hekk?*
*<u>Ix-xhud:</u>*
*Ma niftakarx.*
*<u>L-Avukat Dottor Giannella De Marco:</u>*
*Ma tiftakarx?*
*<u>Ix-xhud:</u>*
*Le.*
*<u>L-Avukat Dottor Giannella De Marco:</u>*
*Lanqas. U mbagħad fuq il-vapur, mortu fuq il-vapur bil-bus mortu?*
*<u>Ix-xhud:</u>*
*Iva.*
*<u>L-Avukat Dottor Giannella De Marco:</u>*
*U fuq il-bus ma kontx ħdejn OMISSIS.*
*<u>Ix-xhud:</u>*
*Nassumi li la konna group kollha fejn xulxin għadna.*
*<u>L-Avukat Dottor Giannella De Marco:</u>*
*Iva imma s-seats imma one can stay only one person next to him. Inti ma kontx ħdejn OMISSIS, ngħid sew?*
*<u>Ix-xhud:</u>*
*Ma nafx.*
*<u>L-Avukat Dottor Giannella De Marco:</u>*
*Ma tiftakarx lanqas dak?*
*<u>Ix-xhud:</u>*
*Le.*
*<u>L-Avukat Dottor Giannella De Marco:</u>*
*Le. Inti refgħuk fuq il-bus jew imxejt b'saqajk?*
*<u>Ix-xhud:</u>*
*Imxejt.*

*<u>[…]</u>*

*<u>L-Avukat Dottor Giannella De Marco:</u>*
*Ma tiftakarx. Int għidt li l-boyfriend tiegħek ma tafdahx?*
*<u>Ix-xhud:</u>*
*F'ċertu mumenti le.*
*<u>L-Avukat Dottor Giannella De Marco:</u>*
*F'certi mumenti le. Fl-liema mumenti ma tafdaħx?*
*<u>Ix-xhud:</u>*
*Meta pereżempju nkunu d-dar u jiġi jgħannaqni minn wara, nagħmel xenata.*
*<u>L-Avukat Dottor Giannella De Marco:</u>*
*Ma tafdax.*
*<u>Ix-xhud:</u>*
*Le.*

_*L-Avukat Dottor Giannella De Marco:*_
*Għadek tixrob sinjorina?*
_*Ix-xhud:*_
*Qatt ma sirt bħalma kont dak il-lejl.*
_*L-Avukat Dottor Giannella De Marco:*_
*Għadek tixrob? Id-domanda hija sempliċi. Għadek tixrob? Iva jew le.*
_*Ix-xhud:*_
*Iva.*

*[…]*

_*L-Avukat Dottor Giannella De Marco:*_
*OMISSIS wasn't your boyfriend that day, hux hekk?*
_*Ix-xhud:*_
*No.*
_*L-Avukat Dottor Giannella De Marco:*_
*Però int ridt toħroġ miegħu, hux hekk?*
_*Ix-xhud:*_
*Le.*
_*L-Avukat Dottor Giannella De Marco:*_
*Jekk ngħidlek li int ridt toħroġ miegħu xi tgħid?*
_*Ix-xhud:*_
***Le.***
_*L-Avukat Dottor Giannella De Marco:*_
*Jiġifieri meta int għidtlu biex jiġi miegħek it-tieġ malli hu ħassar ma' OMISSIS, xi tgħid?*
_*Ix-xhud:*_
*Mela bażikament jien u OMISSIS konna naħdmu fl-istess kumpanija u dawk li kienu se jiżżewġu kienu managers li kienu fuqna u konna nafuhom it-tnejn u jien ma tantx nieħu gost inparla u allura għidt ħa nieħu lil xi ħadd miegħi li diġà jafuh huma u konna morna bħala ħbieb it-tieġ. Jiġifieri bl-ebda mod ma ridt xi ħaġa aktar milli nkunu ħbieb jiena. Fil-fatt ivverifikajtha jien u għidtlu, "agħmilli pjaċir ta' ħabiba," għax lanqas ried jiġi.*
_*L-Avukat Dottor Giannella De Marco:*_
*Ma ridtx jiġi hu imma int ridtu jiġi. U dan quite a bit of time wara, hux hekk?*
_*Ix-xhud:*_
*Iva.*
_*L-Avukat Dottor Giannella De Marco:*_
*Ngħid sew li int kont tgħir fil-fatt għal OMISSIS u inti għidtlu, "jaqaw il-mamà tiegħek tagħżilhomlok it-tfajliet tiegħek?!"?*
_*Ix-xhud:*_
*Le ta, le.*
_*L-Avukat Dottor Giannella De Marco:*_
*U għidtlu, "għaliex lil OMISSIS orrajt u lili le?!"*

*Ix-xhud:*
*Le ma għidtlux hekk. Fil-fatt –*
*L-Avukat Dottor Giannella De Marco:*
*Ara kontx tgħid inti għax OMISSIS is a good girl –*
*Ix-xhud:*
*Nista' ngħid ir-risposta tiegħi jekk jogħġbok?*
_*Fil-fatt darba minnhom urieli u bagħtli screen-shot kif kien ikellem lil OMISSIS u għidtlu, "trattaha sew għax xi ħadd ieħor jieħu l-post tiegħu."*
*L-Avukat Dottor Giannella De Marco:*
*Hekk hu. Dan għax int kont qed tieħu għalik għax hu kien xott miegħek?*
*Ix-xhud:*
*Jiena?!*
*Ix-xhud:*
*Le.*

*[…]*

*L-Avukat Dottor Giannella De Marco:*
*Tista' tgħidli meta f'dawn it-tlett snin iddeċidejt li tlett snin qabel kien rape?*
*Ix-xhud:*
*Kienet ilha ġejja fuqi u kienet dejjem fuq il-wara ta' moħħi jiġifieri u ma stajtx nissaportiha aktar. U bdejt nitkellem ma' kulħadd. Mal-għarus tiegħi, u riedet toħroġ b'xi mod, jiġifieri hemm kienet.*
*L-Avukat Dottor Giannella De Marco:*
*Eħe. Mhux meta hu ma riedtx joħroġ miegħek hux hekk? U għaliex hu kien inkwetat li se jweġġa lil OMISSIS?*
*Ix-xhud:*
*X'inhu!?*
*L-Avukat Dottor Giannella De Marco:*
*Li hi tidħol id-dar u lilek ma ridekx. Hux? Mhux għalhekk OMISSIS?*
*Ix-xhud:*
*X'inhu? Ma fhimtekx.*
*L-Avukat Dottor Giannella De Marco:*
*Ara ngħidx sew li inti dan kollu qlajtu għaliex int ħassejt li lilek inti you were just for to have fun with u mhux li jdaħħlek id-dar quddiem ommu? Għalhekk din kollha.*
*Ix-xhud:*
*Le!*

*[…]*

*L-Avukat Dottor Giannella De Marco:*
*Int ħriġt għal Miss Universe ukoll, hux hekk?*
*Ix-xhud:*

*Eħe.*
<u>*L-Avukat Dottor Giannella De Marco:*</u>
*You didn't mind, you still trusted men there, hux hekk?*
<u>*Ix-xhud:*</u>
*X'għandu x'jaqsam?!*
<u>*L-Avukat Dottor Giannella De Marco:*</u>
*M'għandux x'jaqsam. Inti tqiegħed ritratti tiegħek fil-banju għarwiena?*
<u>*Ix-xhud:*</u>
*Le.*
<u>*L-Avukat Dottor Giannella De Marco:*</u>
*M'hemmx ritratt ta' saqajk ġol-banju bl-ilma waqt li qed tieħu banju?*
<u>*Ix-xhud:*</u>
*B'daqshekk m'iniex għarwiena!*
<u>*L-Avukat Dottor Giannella De Marco:*</u>
*Għaliex? Kont imlibbsa?*
<u>*Ix-xhud:*</u>
*Ma kontx għarwiena. Fir-ritratt m'iniex għarwiena. Saqajha biss turi.*
<u>*L-Avukat Dottor Giannella De Marco:*</u>
*Saqajk sa hawn fuq, hux hekk?*
<u>*Ix-xhud:*</u>
*Sa fejn?*
<u>*L-Avukat Dottor Giannella De Marco:*</u>
*Sa fuq. Ma tidhirx il-parti tiegħek imma kuxtejk kollha. Ngħid sew? Iva jew le?*
<u>*Ix-xhud:*</u>
*Mhux koxtejha kollha, le.*
<u>*L-Avukat Dottor Giannella De Marco:*</u>
*Orrajt. Il-parti fejn hemm il-vaġina ma tidhirx però saqajk fil-banju, tieħu banju, tidher. Iva jew le?*
<u>*Ix-xhud:*</u>
*Iva.*
<u>*L-Avukat Dottor Giannella De Marco:*</u>
*U għall-kummenti ta' ħaddieħor, hux hekk?*
<u>*Ix-xhud:*</u>
*X'inhu?*
<u>*L-Avukat Dottor Giannella De Marco:*</u>
*Fuq xhiex għamiltha?*
<u>*Ix-xhud:*</u>
*Fuq Instagram kien.*
<u>*L-Avukat Dottor Giannella De Marco:*</u>
*Għall-kummenti ta' kulħadd. For everyone to see and for their comments, correct?*
*Eħe.*
<u>*L-Avukat Dottor Giannella De Marco:*</u>
*Hux hekk.*

*Il-Qorti:*
*Issa, meta iddeċidejt li tmur tagħmel rapport?*
*Ix-xhud:*
*F'April għamiltu r-rapport jien. Jiġifieri f'dik il-ġimgħa iddeċidejt li nagħmlu.*
*Il-Qorti:*
*Dik il-ġimgħa? Tkellimt ma' xi ħadd qabel ma għamilt ir-rapport, li se tagħmel ir-rapport? Mal-boyfriend, mal-familja, mal-mamà, mal-papà?*
*Ix-xhud:*
*Mal-għarus tiegħi. Għidtlu li se mmur nagħmlu u mort nagħmlu.*
*Il-Qorti:*
*Imma kif iddeċidejt? Tkellimt ma' xi ħadd biex mort hemm?*
*Ix-xhud:*
*Kont kellimt lil Lara għax kont qed nagħmel project tal-iskola u ltqajt magħha.*
*Il-Qorti:*
*Project tal-iskola, liema skola? X'tagħmel inti?*
*Ix-xhud:*
*Jien l-MCAST qiegħda. Kelli nagħmel assignment, filming, u għamiltilha interview. U dakinhar bqajt inkellimha.*
*Il-Qorti:*
*Sewwa. Jiġifieri dakinhar –*
*Ix-xhud:*
*L-assignment għamiltu f'Diċembru.*
*L-Avukat Dottor Giannella De Marco:*
*L-assignment fuq x'hiex kien?*
*Ix-xhud:*
*Fuq l-abort.*

*[…]*

*Il-Qorti:*
*Imbagħad bdejt titkellem ma' Dottor Lara għax kellek il-proġett. U lil Dottor Lara meta għidtilha b'dak li kellek fuq moħħok?*
*Ix-xhud:*
*Qisu hekk għal Frar, fi Frar kont ktibt artikolu fuq il-blog tiegħi wkoll għax ridtha toħroġ b'xi mod il-ħaġa u allura għidt ktibtha qisha fit-third person il-ħaġa, qisu qed nagħmel l-interview lil xi ħadd jiena. U darba minnhom, ma niftakarx eżatti d-data, imma wara s-second February żgur għax dakinhar ktibtu, kellimtha u għidtilha isma', that was my story. U qaltli come and we meet and we talk about it. Minn hemmhekk.*
*Il-Qorti:*
*Aktar, imbagħad.*
*Ix-xhud:*
*Imbagħad għamiltu. Iddeċidejt.*

## **Ix-xhieda tal-imputat**

L-**imputat OMISSIS**[8] xehed dwar dak li seħħ x'ħin waslu fil-flat:

*Dr Giannella De Marco: hi meta telgħet, meta ġiet il-flat, x'għamlet? X'ġara?*
*Ix-xhud: Qabel telgħet it-taraġ tal-komun naf li neżgħet it-takkuna għax nassumi li kellha takkuna għolja, nassumi li kienet għejjiet bih hu, qabdiltu f'idejha u telgħet bih u jiena hekk qisna f'nofs it-taraġ ħadtilha l-basket u t-takkuna ħalli ngħinha u dħalna l-flat, OMISSIS baqa' sejjer fil-kamra tas-sodda ta' ħija, u jiena u OMISSIS dħalna fil-kamra tas-sodda tiegħi. OMISSIS baqgħet ġejja warajna u talbitni fejn hu t-toilet, għidtilha fejn hu t-toilet u marret sat-toilet u sakemm kienet fit-toilet jiena u OMISSIS ilħaqna biddilna shorts u T-shirt ħalli nkunu nistgħu norqdu ġos-sodda. U malli ġiet lura OMISSIS ġiet b'idejha wara spallejja hekk biex taparsi tindikalna ħalli ngħinuha tħoll iż-żipp tal-libsa. U jiena kont sejjer naħsel snieni, għidt lil OMISSIS, "għinha int fil-każ." Jiena mort naħsel snieni u li naf li xħin irritornajt lura naraha bil-panty u l-bra. Jiena ma kontx qed nistenna li ħa naraha hekk, jiena ħsibt li din tibqa' bil-libsa u tmur f'kamra. Jiena dak il-ħin qisni nfxilt, bdejt nistħi hu, jiena ma kontx qed nistenna li ħa jkun hemm hekk fil-kamra tiegħi. U jiena nsibha ukoll tidħaq, tifflertja ma' OMISSIS u rajtha ukoll ittih bewsa ukoll jiġifieri ma kinitx bewsa tal-maħbubin, just bewsa qisha good night. Jien xħin rajtha hekk qbadt dħalt fis-sodda, dak il-ħin kont mistħi, ma kontx naf x'ħa naqbad nagħmel. U din malli ratni nidħol fis-sodda qabdet daħlet u bdiet tinki u jiena għidtilha, "jiena ma kellix pjan li inti ħa torqod hawnhekk fis-sodda tiegħi għax hawnhekk ħa norqdu jiena u OMISSIS."*
*Dr Giannella De Marco: Għaliex? Kellek kamra tas-sodda fejn setgħet torqod hi?*
*Ix-xhud: Eżatt. Għidtilha, "jiena kont se nqiegħdek f'kamra tas-sodda oħra," avolja ma kinitx mirmuma bil-lożor, konna nagħmluha. U hija baqgħet tinsisti, tinsisti, u din bdiet titħaxken miegħi. U malli ra hekk, OMISSIS xħin ra li ma kienx hemm wisgħa fis-sodda qabad telaq f'kamra oħra, fejn mar ma nafx, però naf li filgħodu nsibu fil-kamra fejn l-ieħor, probabbli għax is-sodda l-oħra ma kinitx mgħammra bil-lożor. Insomma, malli telaq din OMISSIS daret fuqi u qisna bla, hekk, awtomatikament bdejna nitbewsu, jiġifieri la sfurzajt fuqha jien, xejn minn dan?*
*Dr Giannella De Marco: Min beda jitbewwes fil-fatt?*
*Ix-xhud: Hija ħarset lejja u daħħlet rasha ġo wiċċi hekk biex tibda,*
*Dr Giannella De Marco: u bdejtu titbewwsu.*

[8] Seduta tat-13 ta' Marzu 2020 *a fol a fol. 194 et seq.*

*Ix-xhud: Eżatt.*
*Dr Giannella De Marco: Imbagħad?*
*Ix-xhud: Insomma mbagħad tfejna d-dawl, hi qaltli nitfi d-dawl, il-lampshade ta' ħdejja, komplejna nitbewwsu u sakemm din niżżlet idejha għal ġox-shorts tiegħi sabiex tibda timmasturbani u jiena she led me on biex nagħmel l-istess ħaġa, imma jiena li għamilt ma daħħaltx idejja ġol-panty, just fuq il-panty. U wara ftit tal-ħin hija qaltli, "Inti ħa toqgħod hekk!?" "aqbad neżżagħhuli!" jiġifieri l-panty. U hija malli qaltli hekk qisha bdiet tiġbed is-shorts tiegħi ukoll sabiex taf int jinżel,*
*Dr Giannella De Marco: biex tniżżlu insomma.*
*Ix-xhud: Insomma nżajt is-shorts, neżżajt il-panty kif qaltli hi u komplejna hekk qisna nimmasturbaw lil xulxin, taf int. Imbagħad ftit tal-ħin wara hija qaltli, "Aħna ħa noqgħodu hekk biss?! Aħna ħa jkollna x'naqsmu flimkien jew?!" Jiġifieri din riedet tagħmel is-sess. Jiena dak il-ħin infxilt. Għidtilha "jiena l-ewwel nett din l-ewwel darba, l-ewwel esperjenza tiegħi li qiegħed ġo sodda ma' tifla,"*
*Dr Giannella De Marco: X'għidtilha?*
*Ix-xhud: U qatt m'għamilt sess għadni ukoll jiġifieri –*
*Dr Giannella De Marco: X'għidtilha allura meta hi qaltlek, "aħna ħa nibqgħu hekk jew?!"? U qaltlek biex tagħmlu s-sess.*
*Ix-xhud: Għidtilha, "Jiena qatt m'għamilt sess." U malli rat hekk hi bdiet tifraħ u tgħid, "Eh, mela ħa nkun jien li ħa niżverġnak! Ħa nkun jien li ħa niżverġnak!" U jiena għidtilha, "Imma ċerta?!" Għax tipo dak il-ħin li ġie f'moħħi li ħa naqa' għan-nejk jew xi ħaġa.*
*Dr Giannella De Marco: Għaliex ġiek f'moħħok li ħa taqa' għaċ-ċajt?*
*Ix-xhud: Għax ma kontx esperjenzat u peress li din it-tifla kienet diġà esperjenzata jiena għidt ara din ħa tmur tgħid lin-nies li raqdet miegħi u kont qisni, ħeqq, affarijiet hekk bdew jiġu f'moħħi, tipo stħajt. Jiena mbagħad staqsejtha, "Ċerta li trid tagħmel hekk?" U hija qaltli li, "iva, toqgħodx tinkwieta u rrid nieħu gost tal-birthday ukoll." U minn hemmhekk komplejna nitbewsu naqra foreplay –*
*Dr Giannella De Marco: meta inti għidtilha li like qatt ma kontx għamiltha qabel,*
*Ix-xhud: iva,*
*Dr Giannella De Marco: hi dak il-ħin ħadiltha... kif ħaditha?*
*Ix-xhud: Hija bdiet tifraħ, qisha kienet tidher proud li hi li ħa tkun tiżverġnani, li hi kienet se tkun l-ewwel tfajla tiegħi fis-sodda hekk.*
*Dr Giannella De Marco: Semmietlek xi ħaġa li pereżempju li riedet tagħmel hekk u mhux hekk?*
*Ix-xhud: Iva, hija kulma qaltli li ma xtaqitx iddaħħlu ġo ħalqha jiġifieri xtaqet tagħmel is-sess, just ma ddaħħlux ġo ħalqha.*
*Dr Giannella De Marco: Imbagħad allura? Imbagħad x'ġara?*
*Ix-xhud: Imbagħad wara din il-konverżazzjoni komplejna nitbewsu, naqra foreplay sakemm din qamet fuqi u għamilna ftit tas-sess, però s-sess ma dam*

*xejn għax malli irrealizzat li ma kontx qed nirrispondi lura din waqfet u komplejna kif konna qed nagħmlu qabel fis-sens ta' foreplay. Din imbagħad waqafna, qagħdet titħaxken miegħi u għidtilha "messna norqdu għax jiena daqsxejn għajjien." Qaltli, "Iva, mhix problema", ilbisna s-shorts, hi libset il-panty u rqadna.*
*Dr Giannella De Marco: Dan li ġara.*
*Ix-xhud: Dan li ġara. Jiġifieri jiena fl-ebda ħin ma ħadt ir-riedni kontriha, jiena fl-ebda ħin ma qbadt ħadt, għidt, "jiena ħa nagħmel hekk li din." Kollox hi instigat jiġifieri.*
*[…]*
*Nixtieq ngħid li nħossni vera mweġġa' għal dan kollu li ġara. inħossni mweġġa' għall-fatt li dan instigat kollox hi, li wara dakinhar baqgħet tkellemni, li kollox hi, li sar kollox għax riedet hi. Jiena l-uniku żball li nammetti għax aċċettajt li mmur magħha waqt li kont qed inkellem lil OMISSIS u xejn iktar. Imma jiena m'għamiltilha xejn lil din it-tifla. Jiena la qatt ħsibt fi stupru u lanqas qatt għamiltu, pjuttost ma' OMISSIS lanqas qatt m'għamilt xejn, jiġifieri qatt ma riedet u dejjem irrispettajt id-deċiżjoni tagħha, qatt m'għamilt xejn. Jiena, anke l-ispettura xħin ġiet tgħidli li jien għamilt stupru lanqas kont naf għalxiex qed tgħidli. inħossni mweġġa' għall-fatt li din instigat kollox hi, kellha l-għażla, kienet hi li għażlet tiġi fit-taxi magħna, kienet hi setgħet tieqaf l-iskate park imma ma waqfitx u baqgħet ġejja magħna, kienet hi li iddeċidiet li toqgħod fis-sodda miegħi, kienet hi li instigat kollox, kienet hi li baqgħet magħna filgħodu, kienet hi bħalma bqajt jien inkellimha ukoll, jiġifieri kienet taf x'inhi tagħmel daqs kemm kont naf x'qed nagħmel jiena. Inħossni mweġġa' ħafna li din pruvat tapprofitta minn biċċa tal-liġi fuqi u anke l-fatt kollox ma' kollox jiena anke l-fatt li toqgħod tmur tiffirma l-għassa kull nhar ta' Tnejn, tibda l-ġimgħa billi taħseb fuq dawn l-affarijiet, u jiena bħalissa għaddej bix-xogħol tal-iskola ukoll, kollox ma' kollox, imma jiena n-nisa dejjem irrispettajthom, kemm OMISSIS u kemm kull tifla li kont inkellem qabel u anke li għandi llum, dejjem irrispettajthom. Dak kollu.*

**Ikkunsidrat:**

Illi l-kwistjoni li għandha din il-Qorti hi jekk fil-fatt għandiex biżżejjed provi sabiex tkun moralment u legalment sodisfatta oltre' d-dubju raġjonevoli bil-kolpevolezza tal-imputat u dan bix-xhieda ta' OMISSIS li d-difiża ssostni li ma tistax tkun meqjusa bħala xhieda affidabbli u l-<u>ftit li xejn provi oħra li ressqet il-Prosekuzzjoni</u>.

Illi m'hemmx dubju illi kollox jiddependi fuq il-kredibbilta' tax-xhud OMISSIS, jekk ix-xhieda tagħha hiex ikkorraborata jew le. Għalhekk il-Qorti trid tqis l-imġieba, il-kondotta u l-karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hiex kostanti u ta' fatturi oħra tax-xhieda tagħha u jekk ix-xhieda hiex imsaħħa minn xhieda oħra u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ u dan ai termini tal-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**KUNSIDERAZZJONIJIET DWAR L-IMPUTAZZJONIJIET**

Il-Qorti ser telenka ċertu prinċipji legali li japplikaw għar-reat addebitat lill-imputat u li huma pertinenti għar-riżoluzzjoni ta' dan il-każ.

**<u>Stupru</u>**

L-imputat OMISSIS ġie akkużat bir-reat ta' stupru kif indikat speċifikament mill-Avukat Ġenerali fir-rinviju għall-ġudizzju tiegħu[9].

Ir-reat tal-istupru jikkonfigura meta l-awtur tar-reat:

> "*bil-vjolenza, jikkommetti stupru fuq persuna tas-sess il-wieħed jew l-ieħor*".

[9] Dan wara li b'nota ta' rinviju għall-ġudizzju tat-12 ta' Diċembru (2019), l-Avukat Ġenerali indika s-segwenti artikoli fil-konfront tal-imputat fl-artikoli 198, 201(b) u 206 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fil-każ fl-ismijiet **Ir-Republika ta' Malta vs. Mustafa Ali Larbed** intqal li:

> **Id-dottrina Maltija hija fis-sens li r-reat ta 'stupru huwa ikkunsmat meta jigi pprovat: " The commencement of the connection without the necessity of proving any further acts" (vide Criminal Law - Profs A Mamo pg 194). Ir-reat ta' stupru jissussisti : "upon proof of penetration only: and the slightest penetration is sufficient" (Ibid). Kif gie ben ritenut mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali per l-Onor Imhallef Joseph Galea Debono, fl-ismijiet il-Pulizija Supt. Bartholomeo Mula et. vs. Ommissis, deciza fl-4 ta ' Settembru 2003: "Biex ikun hemm ir-reat ta' stupru mhux mehtieg li jkun hemm penetrazzjoni shih u l-icken bidu ta' konnessjoni karnali hija sufficjenti biex jissussisti reat.[10]"**

Dan il-konġunġiment karnali jrid neċessarjament isir mingħajr il-kunsens tal-vittma. Illi l-artikolu 201(b) joħloq presunzjoni legali fis-sens illi dan il-kunsens għandu jitqies li qed jiġi miċħud meta "l-**persuna li fuqha jsir l-abbuż ma tkunx tista' tirreżisti minħabba marda tal-ġisem jew tal-moħħ jew għal raġuni oħra indipendenti mill-egħmil tal-ħati, inkella minħabba l-mezzi qarrieqa li l-ħati jkun inqeda bihom.**"

**<u>Il-konsum tal-alkoħol u l-kapaċitajiet mentali</u>**

---

[10] Deċiża fil-5 ta' Lulju, 2002

Minħabba li l-Prosekuzzjoni qegħda ssostni li l-*parte civile* ma kinitx f'kundizzjoni li tagħti kunsens il-Qorti se tidħol fil-fond fuq dan l-aspett.

Blackstone jagħmel distinzjoni bejn dawk iċ-ċirkostanzi fejn il-konsum tal-alkoħol jirrendi lill-vittma mentalment inkapaċi totalment jew parzjalment u wkoll fejn tali konsum ma jimpinġix fuq il-kapaċitajiet mentali tal-vittma.
Illi dwar il-kunsens o meno tal-vittma f'każijiet ta' stupru **Blackstone**[11] jgħid hekk:

> *Capacity is an integral part of consent. A valid consent can only be given by a person who has the capacity to give it ... Common Law principles ... suggest that a complainant will not have had capacity to agree by choice where her understanding and knowledge were so limited that she was not in a position whether or not to agree. This may arise in a variety of different circumstances; for instance when a complainant is ...intoxicated by alcohol or drugs. These principles...still apply...*

Illi dwar il-kapaċita' ta' persuna li tagħti l-kunsens għal xi attivita' sesswali f'każ ta' sokor anke meta s-sokor kien volontarju, Blackstone ikompli hekk:

---

[11] Criminal Practice 2009 edition, B316 pg. 278

*In a case where there is evidence that the complainant was voluntarily intoxicated through drink or drugs, the following points may need to be addressed...*

*a) Consumption of alcohol or drugs may cause someone to become disinhibited and behave differently. If she is aware of what is happening, and the consumption of alcohol or drugs has caused her to consent to activity which she would ordinarily refuse, then she has consented no much she may regret later. A drunken consent is still a consent if a person has the capacity to make a decision whether to agree by choice.*

*b) However if a complainant becomes so intoxicated that she no longer has the capacity to agree, there will be no consent. Clearly she will not have the capacity to agree by choice where she was so intoxicated through drinks or drugs, and her understanding and knowledge are so limited that she was not in a position to decide whether or not to agree.*

*c) A person may reach such a state without losing consciousness. For instance she may in a state where she knows that she does not want to take part in any sexual activity with someone, but she is incapable of saying so. Alternately she may have been affected to such a degree, that whilst having some limited awareness of what is happening, she is incapable of making any decision at all.*

*d) If a person is asleep or has lost consciousness through drinks or drugs, she cannot give consent, and that is so even if her body responds to the accused's advances."*

Fl-edizzjoni ta' ***Archbold Magistrates' Courts Criminal Practice tal-2017*** tingħata spjegazzjoni eżawrenti dwar il-kunsens f'żewġ binarji l-*evidential presumptions*[12] u *l-conclusive presumptions*[13]*:*

***Evidential presumptions about consent***

***75.—****(1) If in proceedings for an offence to which this section applies it is proved—*

*(a) that the defendant did the relevant act,*

*(b) that any of the circumstances specified in subsection (2) existed, and*

*(c) that the defendant knew that those circumstances existed,*

*the complainant is to be taken not to have consented to the relevant act unless sufficient evidence is adduced to raise an issue as to whether he consented, and the defendant is to be taken not to have reasonably believed that the complainant consented unless sufficient evidence is adduced to raise an issue as to whether he reasonably believed it.*

*(2) The circumstances are that—*

*(a) any person was, at the time of the relevant act or immediately before it began, using violence against the complainant or causing*

[12] Pg. 919 para 14-81

[13] Para 14-82

*the complainant to fear that immediate violence would be used against him;*

*(b) any person was, at the time of the relevant act or immediately before it began, causing the complainant to fear that violence was being used, or that immediate violence would be used, against another person;*

*(c) the complainant was, and the defendant was not, unlawfully detained at the time of the relevant act;*

*(d) the complainant was asleep or otherwise unconscious at the time of the relevant act;*

*(e) because of the complainant's physical disability, the complainant would not have been able at the time of the relevant act to communicate to the defendant whether the complainant consented;*

*(f) any person had administered to or caused to be taken by the complainant, without the complainant's consent, a substance which, having regard to when it was administered or taken, was capable of causing or enabling the complainant to be stupefied or overpowered at the time of the relevant act.*

*(3) In subsection (2)(a) and (b), the reference to the time immediately before the relevant act began is, in the case of an act which is one of a continuous series of sexual activities, a reference to the time immediately before the first sexual activity began.*

***Conclusive presumptions about consent***

***76.—** (1) If in proceedings for an offence to which this section applies it is proved that the defendant did the relevant act and that any of the circumstances specified in subsection (2) existed, it is to be conclusively presumed—*

*(a) that the complainant did not consent to the relevant act, and*

*(b) that the defendant did not believe that the complainant consented to the relevant act.*

*(2) The circumstances are that—*

*(a) the defendant intentionally deceived the complainant as to the nature or purpose of the relevant act;*

*(b) the defendant intentionally induced the complainant to consent to the relevant act by impersonating a person.*

Dwar il-fatt li l-persuna tkun ikkunsmat ammont konsiderevoli ta' alkoħol l-**Archbold** jispjega:

*In relation to the voluntary consumption of alcohol on the ability of a person to consent to sexual activity, consent can only be said to be absent if the effect of the alcohol was such that the complainant had temporarily lost the capacity to choose whether to*

*engage in the sexual activity. Where a complainant had voluntarily consumed substantial quantities of alcohol but nevertheless remained capable of choosing whether to engage in such activity and agreed to do so, then he was consenting. Capacity to consent may evaporate before a complainant became unconscious but whether that was so or not was fact-specific: Bree [2007] 2 Cr.App.R. 13, CA. Any supposed principle to the effect that a complainant's inability to remember whether or not he consented must prove fatal to the prosecution case was expressly disavowed by the court in Bree; see also H [2007] EWCA Crim 2056.*[14]

**<u>Presunzjoni tal-vjolenza</u>**

Illi għalkemm il-liġi tagħna tiddisponi illi jkun hemm il-presunzjoni tal-vjolenza kull meta l-vittma tkun fiżikament jew mentalment inkapaċi, madanakollu ma ssir l-ebda distinzjoni mil-leġislatur dwar jekk dik l-infermita' mentali għandiex tkun dovuta għall-azzjoni volontarja tal-vittma jew inkella tal-aggressur tagħha.

Illi dan il-punt ġie dibattut reċentement fl-Italja billi fid-dritt penali Taljan l-istat ta' inkapaċita' mentali naxxenti mill-konsum tal-alkoħol fil-każijiet ta' vjolenza sesswali jġib miegħu aggravanti fil-piena[15]. Illi l-Corte di Cassazione saħqet illi r-reat xorta waħda jissussisti (u dan referibbilment għall-artikolu 609 tal-Codice Penale), għalkemm jekk il-konsum ikun wieħed volontarju ma tikkonfigurax l-aggravanti.

[14] Pg. 920

[15] Articolo 609 Codice Penale

*"L'elemento che deve essere accertato per affermare la sussistenza di un reato contro la libertà sessuale individuale, è l'assenza di volontà e consenso al momento del compimento degli atti. Qualora dalle circostanze del caso, la persona offesa non poteva dirsi cosciente e, dunque, consenziente, il delitto si configura, a prescindere da come e da chi abbia provocato lo stato di incoscienza della vittima, la quale potrebbe essersi posta in tale condizione, anche volontariamente.*

*La pronuncia si pone dunque in linea con la giurisprudenza ormai pacifica in materia, che intende tutelare al massimo la libertà personale - in cui rientra la sfera sessuale - dell'individuo, colpendo i fatti che aggrediscono la persona, e fornendo un'interpretazione delle disposizioni normative che possa garantire la massima protezione.[16]"*

*"Lo stato d'ebbrezza, ancorche' autoindotto, pone la persona offesa in una posizione di svantaggio e di menomazione, tale da non poter esprimere un 'valido consenso (la capacita') al rapporto sessuale'. Per tale motivo, e' integrato il reato di violenza sessuale (nonaggravato), giacche' la vittima verteva in condizioni d'inferiorita' tali da essere incapace di autodeterminarsi e, dunque, di acconsentire al rapporto.[17]*

F'deċizjoni mogħtija mill-Corte di Cassazione f'każ analogu ingħad:

*Integra il reato di violenaza sessuale con abuso delle condizioni di inferiorita' psichica o fisica (art. 609 bis, comma secondo, n. 1., c.p.)*

[16] www.diritto.it

[17] http://www.iurisprudentia.it/stupro-e-alcol-la-cassazione-esclude-laggravante

*la condotta di chi si congiunga carnalmente con una donna addormentarsi a seguito di ingestione di sostanze alcoholiche, essendo l'aggressione alla sfera sessuale della vittma connotata da modalita' insidiose e fraddolente.*[18]

Il-**Crown Prosecution Service**[19] jagħti linja gwida lill-Prosekuturi kif għandhom jimxu biex jistabilixxu l-kriterju importanti tal-kunsens[20]:

**Statutory definition of consent**

Section 74 defines consent as '*if he agrees by choice, and has the freedom and capacity to make that choice*'. Prosecutors should consider this in two stages. They are:

- Whether a complainant had the capacity (i.e. the age and understanding) to make a choice about whether or not to take part in the sexual activity at the time in question.
- Whether he or she was in a position to make that choice freely, and was not constrained in any way. Assuming that the complainant had both the freedom and capacity to consent, the crucial question is whether the complainant agrees to the activity by choice.

The question of capacity to consent is particularly relevant when a complainant is intoxicated by alcohol or affected by drugs.

---

[18] Cassazione penale, Sez. III, sentenza n. 1183 del 16 gennaio 2012

[19] Cps.gov.uk

[20] Ara Rook and Ward **On Sexual offences Law & Practice** 4th Edition għal diskussjoni profonda dwar it-tifsira ta' kunsens 'meaning of consent'

In **R v Bree** [2007] EWCA 256, the Court of Appeal explored the issue of capacity and consent, stating that, if, through drink, or for any other reason, a complainant had temporarily lost her capacity to choose whether to have sexual intercourse, she was not consenting, and subject to the defendant's state of mind, if intercourse took place, that would be rape. However, where a complainant had voluntarily consumed substantial quantities of alcohol, but nevertheless remained capable of choosing whether to have intercourse, and agreed to do so, that would not be rape. Further, they identified that capacity to consent may evaporate well before a complainant becomes unconscious. Whether this is so or not, however, depends on the facts of the case.

In cases similar to **Bree**, prosecutors should carefully consider whether the complainant has the capacity to consent, and ensure that the instructed advocate presents the Crown's case on this basis and, if necessary, reminds the trial judge of the need to assist the jury with the meaning of capacity.

**Prosecutors and investigators should consider whether supporting evidence is available to demonstrate that the complainant was so intoxicated that he/she had lost their**

**capacity to consent. For example, evidence from friends, taxi drivers and forensic physicians describing the complainant's intoxicated state may support the prosecution case. In addition, it may be possible to obtain expert evidence in respect of the effects of alcohol/drugs and the effects if they are taken together.** (Enfasi tal-Qorti)

> Consideration should be given to obtaining an expert's back calculation or the opinion of an expert in human pharmacology in relation to the complainant's level of alcohol/ drugs at the time of the incident.

Issa mill-eżami tal-atti proċesswali jirriżulta indubitat u mhux ikkontestat illi kien hemm xi forma ta' rapport sesswali bejn l-imputat u l-*parte civile* u t-tnejn kellhom aktar minn tmintax (18)-il sena meta seħħ il-każ. L-imputat jgħid illi fil-fatt kien hemm rapporti sesswali bejnu u bejn OMISSIS u kienet hi li ħadet ir-riedni għaliex hu qatt ma kien għad kellu relazzjoni sesswali ma' tfajla.

Il-kontestazzjoni jekk teżisti biss fir-rigward tal-presenza o meno tal-kunsens tal-*parte civile* fil-mument li seħħ l-att inkriminatorju u allura jekk kienx jeżisti wieħed mill-elementi legali sabiex jissussisti r-reat tal-istupru f'dan il-każ jirrisolvi ruħu dwar jekk għandiex tapplika l-presunzjoni legali stabbilita fl-artikolu 201(b) sabiex b'hekk jikkonfigura l-element tal-vjolenza.

Illi għalhekk l-eżami li trid tagħmel din il-Qorti fir-rigward tar-reat ta' stupru hu jekk mill-provi prodotti rriżultax li OMISSIS kellux konġunzjoni karnali ma' OMISSIS kontra l-volonta' tagħha. Il-Qorti tħoss li biex tasal għal dan trid tkun analizzata x-xhieda li taw l-unika żewġ xhieda li ġabet il-prosekuzzjoni li kienu preżenti f'dan l-episodju u dan skont il-linja gwida tas-CPS ikkwotata aktar 'il fuq "*consider whether supporting evidence is available to demonstrate that the complainant was so intoxicated that he/she had lost their capacity to consent*."

Il-fatt li hi qalet li ma tiftakarx x'ġara meta kienet il-flat, ma jfissirx li ma tatx il-kunsens għal li ġara. Lanqas ma jfisser li meta kienet qiegħda tagħmel is-sess ma riditux, lanqas ma jfisser li ma kienx hemm din il-volonta' tagħha. Mill-provi joħroġ ukoll li wara li ratha l-ħabiba tagħha OMISSIS li tgħid li she was *tipsy, a bit tipsy*, m'hemm l-ebda prova li kien hemm aktar xorb ta' alkoħol minn x'ħin telqu mill-party. Ħadd la l-*parte civile*, la l-imputat u lanqas ix-xhud OMISSIS ma jsemmu xorb aktar.

Il-Qorti trid tasal għall-konklużjoni jekk dan jirriżultax li kien "*consensual between two consensual adults*".

**Kunflitt fil-verżjonijiet**

Il-Qorti tat piż lil dak li xehdu OMISSIS (*a fol*. 175 *et seq*.) u OMISSIS (*a fol* 126 *et seq*.) għaliex dawn iż-żewġ xhieda jitfgħu dawl fuq l-istat tal-*parte civile* dakinhar.

Ix-xhud **OMISSIS** [21]li kienet mal-*parte civile* xehdet li:

> *Pros: Ħa mmur waħda lura, għax din importanti, il-kundizzjoni tagħha dakinhar li ħriġtu, kif kienet OMISSIS?*
> *Ix-xhud: Hi kienet, I mean ħadet drink jew tnejn, jiġifieri hi mbagħad taf kif ħassitha.*
> *Il-Qorti: Le, imma happy kienet? Kienet taf x'qed jiġri? Jew inkellma ma kinitx taf x'qed jiġri?*
> *Ix-xhud: Ma naħsibx għax I mean kellha bżonn l-għajnuna ta' ħaddieħor.*
> *Pros: Imma jekk kellha bżonn l-għajnuna ta' ħaddieħor, għax marret għand l-Għawdxin, għax magħkom kienet din?*
> *Ix-xhud: Għax hi riedet tmur Għawdex, so hi marret mal-grupp tal-Għawdxin.*
> *Il-Qorti: Jiġifieri hi minn hemmhekk qaltilkom sejra Għawdex jew sejra x'imkien ieħor?*
> *Ix-xhud: Jiena, ilu naqra li ġara, I mean, sa fejn naf jien hi kellha tmur lura Għawdex.*
> *Pros: Issa, meta tgħid kellha bżonn l-għajnuna, l-għajnuna li kellha bżonn x'kienet?*
> *Ix-xhud: Biex tmur fil-bus, I mean inti meta toħroġ ma' xi ħadd jekk tkun grupp ta' ħbieb jekk tara lil xi ħadd huwa naqra drunk, ħa tgħid lil ħaddieħor jieħu naqra ħsiebha.*
> *Pros: Imma kif rajthom jgħinuha lilha? Importanti naqra din.*
> *Ix-xhud: ... fil-bus hu. I mean fil-bus.*
> *Pros: Rajthom iġorruha pereżempju? Ma nafx. Inti trid tgħidilna x'rajt. Ma konniex hemm aħna.*
> *Ix-xhud: Lanqas jiena ma niftakar, I mean ilu li ġara, jiena mal-grupp tal-ħbieb nieħu gost kont, ma qgħadtx noqgħod nistudja l-affari on the day.*
> *Pros: Le, għax int qed tgħid kellha bżonn l-għajnuna; imma l-għajnuna li kellha bżonn x'kienet?*
> *Ix-xhud: Li tieħu ħsiebha fil-bus.*
> *Pros: Tieħu ħsiebha kif imma?*
> *Ix-xhud: I mean li toqgħod ma' persuna li tgħid jekk ħa jkollha bżonn tieqaf biex tneħħi, I am sorry il-kelma, ħa tagħmilha mhux tħalli persuna, persuna mhux annimal, so you needed to help her.*

[21] Seduta tas-7 ta' Novembru 2019 *a fol* 180 *et seq.*

*Difiża:* *Issa, meta qed tgħid kellha bżonn l-għajnuna OMISSIS, ngħid sew li kellha l-għajnuna ta' ħabiba għaliex kienet tipsy u mhux għax ma kinitx kapaċi timxi waħidha?*
*Ix-xhud:* *Eżatt. That's what I meant li ħaddieħor jieħu ħsiebha.*
*Difiża:* *So kienet kapaċi timxi, tant li mxiet fejn grupp sħabha l-Għawdxin.*
*Ix-xhud:* *Jiena ma jidhirlix li kien hemm carrierers, jiġifieri.*
*Difiża:* *Hux hekk. U ngħid sewwa li hi għażlet li tmur ma' sħabha l-Għawdxin.*
*Ix-xhud:* *Minn jeddha hu. Persuna tagħżel li trid tagħmel hi.*
*Difiża:* *U inti bħala ħabiba tagħha serraħt moħħok li kienet ma' sħabha l-Għawdxin u kienet sew.*
*Ix-xhud:* *Fil-fatt meta kienet mal-grupp Għawdxin għidtilhom "ħudu ħsiebha" ta' ħabiba. I mean I had to carry on going back to my home,*
*Difiża:* *Sewwa. Inti bħala ħabiba rajt li kienet ma' sħabha li għażlet li tmur hi magħhom,*
*Ix-xhud:* *Eżatt. Wara kollox kull persuna huwa indipendenti so she knew what she had to do in a way.*
*Difiża:* *Però naqblu li OMISSIS ma kinitx blacked out jew iħossha ħażin.*
*Ix-xhud:* *She was just a bit drunk.*
*Difiża:* *fi stat a bit tipsy.*
*Ix-xhud:* *Eżatt.*

Ix-xhud **OMISSIS [22]** xehed li:

*Ix-xhud:* *Jiena kienu bagħtu għalija mill-għassa.*
*Pros:* *Meta?*
*Ix-xhud:* *Ma nafx id-data preċiża għax –*
*Pros:* *Din is-sena imma? Is-sena l-oħra?*
*Ix-xhud:* *Din is-sena.*
*Pros:* *U min bagħat għalik?*
*Ix-xhud:* *Spettura, Valletta, u qaltli fuq każ ta', li jiena ġejt akkużat fuq xi rape. Għamilt jumejn il-lock-up imbagħad ħarġitni illiberat.*
*Pros:* *Spjega x'taf fuqha din inti. Insa l-lock-up, l-istorja x'taf inti –*
*Ix-xhud:* *Għamilt jumejn arrestat imbagħad insomma ħarġitni, imbagħad reġgħet bagħtet għalija u qaltli li akkużi kontrija m'hemmx. U dakinhar qaltli biex ngħidilha x'naf u x'ma nafx fuq din is-sitwazzjoni. Għidtilha konna ħriġna jiena u OMISSIS u kien hemm xi tlieta oħra minn sħabna, bħas-soltu,*
*Pros:* *U meta kontu ħriġtu?*
*Ix-xhud:* *Xi tlett snin ilu; id-data ma niftakarx għax –*
*Pros:* *Party, fejn kontu mortu?*
*Ix-xhud:* *Party tal-Milied kien żgur.*
*Pros:* *Imma taf fejn, lokalità?*

[22] Seduta tas-7 ta' Novembru 2019 *a fol* 175 *et seq.*

*Ix-xhud: Ilu ħafna hu. U morna insomma u wara li għadda l-lejl u hekk, morna ħa nieklu u kien hemm OMISSIS, morna nixtru l-hot dog, u jien kont għadni mal-istand tal-hot dog, u OMISSIS u OMISSIS kienu qegħdin jitkellmu. U mbagħad OMISSIS telgħet mat-taxi magħna għax dik kienet toqgħod fejnna, fejn il-flat ta' OMISSIS, għax jien kont se norqod għand sieħbi dakinhar peress li Malta kien il-party,*

*Pros: Meta tgħid kont se torqod għand sieħbek, fejn għand sieħbek Malta?*

*Ix-xhud: Is-Swatar. U insomma hi ġiet magħna l-flat, tlajna, jien dħalt ġos-sodda u daħlet din OMISSIS magħna mbagħad, ġiet fis-sodda magħna.*

*Pros: U min daħal fejn u kif?*

*Ix-xhud: Jiena u OMISSIS dħalna fis-sodda għax jien kont ħa norqod hemmhekk ma' OMISSIS, fl-istess sodda ta' OMISSIS.*

*Pros: Jiġifieri fil-kamra tas-sodda ta' OMISSIS.*

*Ix-xhud: Iva. U kellu kamra oħra vojta.*

*Pros: Min daħal l-ewwel f'din il-kamra, fil-kamra ta' OMISSIS?*

*Ix-xhud: Jien, jien dħalt l-ewwel, imbagħad daħal OMISSIS, imbagħad wara ġiet OMISSIS.*

*Pros: U OMISSIS min qallha biex tidħol fil-kamra?*

*Ix-xhud: M'għandix idea; jien dħalt l-ewwel wieħed, imma minn jeddha ġiet.*

*Pros: Il-komportament ta' OMISSIS, jiġifieri qabel ma dħaltu fil-kamra, kif kien?*

*Il-Qorti: Mela, min iddeċieda li OMISSIS tidħol fil-kamra tagħkom u mhux fil-kamra l-oħra?*

*Ix-xhud: M'għandix idea; jien dħalt l-ewwel wieħed fis-sodda.*

*Pros: OMISSIS, mill-ħin li ltqajtu magħha fejn tal-hot dogs sakemm mortu l-flat kif kienet il-komportament tagħha?*

*Ix-xhud: Normali, fis-sens kienet naqra tipsy hekk, tieħu gost,*

*Pros: Issa meta tgħid tipsy, xi tfisser b'tipsy?*

*Ix-xhud: Tipsy, tkun ħadet drink hu, bħalma kulħadd jieħu meta jmur ġo party.*

*Pros: u inti kif iġġudikajt li kienet tipsy?*

*Ix-xhud: Tidħaq u tiżfen hekk.*

*Pros: U hi u miexja kif kienet pereżempju?*

*Ix-xhud: Kienet miexja normali imma, tipsy, hu, naqra.*

*Il-Qorti: Iva tipsy tfisser happy?*

*Ix-xhud: Eħe, iva.*

*Il-Qorti: il-lingwaġġ tagħkom taż-żgħażagħ li ma nifhmuhx.*

*Ix-xhud: Iva.*

*Il-Qorti: Imma kienet, ħa nkunu ċari, kienet taf fejn sejra? Kienet taf x'qed tagħmel?*

*Ix-xhud: Iva, mela! kienet qed tkellimna.*

*Il-Qorti: Normali kienet qed tkellimkom?*

*Ix-xhud: Mela, mela, mela.*

*Pros: All right. Issa kif dħaltu fil-kamra x'ġara?*

*Ix-xhud: Jiena, kif għidtlek dħalt l-ewwel wieħed fis-sodda, imbagħad daħal OMISSIS u mbagħad ġiet OMISSIS fejnna. Issa jien kien mingħalija li hi ħa tmur –*
*Pros: Tiġrix, tiġrix. Ġiet OMISSIS fejnkom fejn?*
*Ix-xhud: Fuq is-sodda.*
*Imbagħad insomma OMISSIS u OMISSIS bdew jitbewwsu, jiena qbadt, qomt u mort fil-kamra l-vojta l-oħra.*
*Pros: Issa sakemm, għax għidt bdew jitbewwsu, bews biss rajt inti sakemm kont hemm?*
*Ix-xhud: Iva, bews biss.*
*Pros: U x'ġara mbagħad filgħodu?*
*Ix-xhud: Filgħodu, jekk mhux sejjer żball, konna anke kilna naħseb flimkien u kien hemm OMISSIS għax konna telgħin għal Għawdex kollha flimkien, peress li Għawdxin, u anke fuq il-bus kienet magħna u baqgħet tkellimna normali fis-sena ma –*
*Pros: Filgħodu kellimtha lilha meta qamet?*
*Ix-xhud: Bonġu u hekk; konna fuq il-bus flimkien hu.*
*Pros: Ġol-flat?*
*Ix-xhud: Ġol-flat ma nafx ilħaqthiex jiena ġol-flat għax naħseb telqet qabli.*

Il-Qorti tagħmel referenza għal dak dikjarat mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Supretendent Kevin J. Farrugia) vs Carmelo Callus Jason Callus**[23] meta ċċarat aktar dwar kif Ġudikant għandu jipproċedi meta jkun hemm kunflitt ta' verżjonijiet:

*"Din il-Qorti hasset il-htiega illi ticcara li dak li sal-lum kienet meqjusa bhala regola tal-mod kif ghandha tipprocedi l-Qorti jew l-imhallfin tal-fatti fil-guri meta si tratta ta' konflitt ta' verzjonijiet, muhiex rizultat ta' xi provediment tal-ligi li espressament jghid dak ritenut mis-sentenzi citati. Huwa pjuttost process naturali tal-bon sens li jirrikjedi li f'kaz ta' divergenzi fix-xhieda, il-gudikant*

[23] Appell Nru. 534/2014 deċiż mill-Imħallef Giovanni M Grixti fl-24 ta' Settembru, 2018

*ghandu jara, skond il-provi mressqa u c-cirkostanzi kollha tal-kaz, minn minnhom ghandu jkun emnut. Wara kollox il-process penali hafna drabi hu kompost minn sitwazzjonijiet konflingenti jew ghaliex l-imputat jew ix-xhieda jghidu hwejjeg li huma kontrastanti ghal-verzjoni tal-prosekuzzjoni jew ghaliex il-fatti emergenti mill-process ma jaghmlux omagg ghad-deposizzjoni ta' uhud jew ghall-fatti imputati. Il-gudizzju huwa ghalhekk fdat f'idejn il-Magistrat jew l-Imhallfin tal-fatti fil-guri bil-kawtela illi fejn il-konflitt huwa tali li ma jistghux jasslu ghal-konkluzzjoni li verzjoni minnhom tant ghandha mis-sewwa li biha tista' tinstab htija allura mbaghad japplika l-principju in dubio pro reo u jghaddu ghal-liberazzjoni. Dan fil-fatt hu rifless fis-sub-artikolu (2) tal-artikolu 638 meta jghid : "*****.....f'kull kaz, ix-xiehda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie pruvat minn zewg xhieda jew aktar."***"

**<u>Il-provi li ressqet id-difiża</u>**

F'dan il-każ id-difiża għażlet li tressaq lill-imputat biex jagħti x-xhieda tiegħu.

Huwa biżżejjed għad-difiża li tikkonvinċi lill-Qorti bit-teżi tagħha fuq bażi ta' konvinċiment morali li jistrieħ fuq bilanċ ta' probabbilta' u f'każ li dan iseħħ, u l-Qorti ma tħossiex moralment konvinta li l-

Prosekuzzjoni laħqet il-grad ta' prova rikjesta minnha, allura l-Qorti trid tillibera lill-imputat.

Id-difiża tissottometti li dan il-każ hu: *"għandna każ fejn m'hemm xejn agħar minn a female scond. Din hawnhekk għandna l-każ klassiku ta' tfajla li għaliex riedet toħroġ ma' ġuvni li forsi kien hemm żmien fejn kellu grazzja magħha, fejn forsi kien hemm żmien fejn anke ħarġu flimkien, fejn kellhom ħbiberija, li meta din rat li dan ma riedx joħroġ magħha u li meta rat li kien iktar inkwetat għat-tfajla tiegħu minflok ma ried joħroġ magħha, din f'daqqa waħda iddeċidiet li dak li kien fun, li dak li kien birthday present, li dak li kien l-iktar ħaġa kemm ħadet gost, dak li kien great fun isir rape."*[24]

*"Mela allura meta naraw daqsxejn din l-allegazzjoni li tant affettwatu lil OMISSIS, OMISSIS ġuvni tal-affari tiegħu, tifel li sa meta din it-tfajla threw herself into his flat, jiġifieri imponiet lilha nnifisha fil-kumpanija tiegħu, imponiet lilha nnifisha fuqu li tmur id-dar tagħhom u li hu ta' ġentlom, għax dan li hu ġentlom, minflok ngħidilha isma', ma nistax, meta din bdiet tgħid hekk speċi, ok, fine, come here. Din marret ġos-sodda tagħhom it-tnejn li huma, I mean, l-ieħor qabad u mar hu ġol-ispare bedroom u OMISSIS kien qiegħed hemm ġol-flat tiegħu, ġos-sodda tiegħu, din marret hi, għażlet hi, imxiet hi, marret hi ġos-sodda tiegħu, hi bdiet, biex nuża l-kliem ta' OMISSIS, "titħaxken" miegħu, jiġifieri titfissed, tindieheż miegħu, hi li bdiet dan, meta qallha, "Listen, jien," għax beda jistħi, ma jmurx speċi she will make fun of him għaliex he might not be up to her standards, hi li qaltilna hawnhekk hi stess li ma kinitx l-ewwel darba tagħha,*

[24] Sottomissjonijiet orali tat-13 ta' Marzu 2020

*li hi kienet, li kienet mhux l-ewwel darba, li kienet marret diversi drabi ma' ħaddieħor, meta allura huwa beda jistħi għax hu qed iħossu mhux esperjenzat li hu ta' tifel li hu qallha isma', it's my first time, speċi jien qatt m'għamilt hekk qabel, din ħadet gost li hi ħa tiżverġnah, li hi hija dik li hu ħa jagħtiha gost għall-birthday tagħha. This is her prize, OMISSIS was her prize. U meta mbagħad wara OMISSIS speċi bil-mod romantiku tiegħu qallha speċi it was fun, he enjoyed it, etc, din tgħidlu, you know, she, "Yes!" Like "Yes! Yes! Yes! Yes!" and with a big smile and smilies and "ħa, ħa," imbagħad tgħidlu, "Int veru l-ewwel darba tiegħek?!" Hu qallha, "isma', tgħid lil ħadd ta please!" speċi toqgħodx twaqqagħni għaċ-ċajt mal-ħbieb u kulħadd li jiena l-ewwel darba speċi hekk. Qaltlu, "il A!" speċi titmellaħ bih!"*[25]

*"U minħabba f'hekk għamlet dak li ċertament wieħed ikun qed jabbuża mil-liġijiet li qegħdin hemm biex jipproteġu n-nisa, għax huma dawn in-nisa bħal OMISSIS li jagħtu isem ħażin lin-nisa u li jagħmlu tant dannu lill-kawża tan-nisa meta jabbużaw mil-liġijiet biex jagħmlu miżerja u miżerabbli l-ħajja ta' ħaddieħor."*

## KONKLUŻJONIJIET

1. ***<u>L-istħarriġ tal-pulizija</u>***

[25] Ibid.

Il-Qorti tinnota li l-Prosekutur oriġinali fil-każ straħet biss fuq dak li qaltilha l-*parte civile* u ċ-chat li wrietha.

Mix-xhieda li tat l-Ispettur Bernardette Valletta irriżulta li r-rapport għandha sar fis-17 ta' April 2019 meta l-allegat każ seħħ fil-lejl ta' bejn is-sittax (16) u s-sbatax (17) ta' Diċembru 2016. Sar rapport bil-fomm u ma kienet preżentata l-ebda kwerela bil-kitba.

Fis-26 ta' April 2019 intalab mandat ta' arrest fil-konfront tal-imputat liema mandat inħareġ mill-Maġistrat tal-Għassa Claire Stafrace Zammit. Ma jidher li kien hemm l-ebda żvilupp sakemm il-mandat skada u ntalab mandat ieħor mill-istess Maġistrat li ħareġ fil-25 ta' Ġunju 2019. Kopja ta' dawn il-mandati għalkemm issir referenza għalihom fix-xhieda tal-Ispettur Valletta ma kinux esebiti f'dan il-proċess.

L-imputat kien ikkuntattjat biex imur l-Għassa tal-Imsida fejn seħħ ir-rapport oriġinali, fid-9 ta' Lulju 2019 kien arrestat. Wara li kkonsulta mal-avukat tal-għażla tiegħu fejn anke kienet preżenti meta ta l-istqarrija.

Fix-xhieda tagħha l-Ispettur tgħid li meta daħal ir-rapport f'April 2019 ma nfurmatx lill-Maġistrat tal-Għassa biex tinfetaħ inkjesta'. Lejlet li kienet se tressaq lill-imputat fl-10 ta' Lulju 2019 infurmat lill-Maġistrat tal-Għassa li meta infurmatu bil-każ ma fetaħx l-inkjesta

għaliex l-allegat reat kien seħħ tlett snin u sitt xhur qabel. L-Ispettur xehdet li *"Jiena ħdimt diversi rapes u fejn ikun għadda ż-żmien qatt ma nfetħet inkjesta. Jiena erġajt ċempilt, ċempilt proprjament lejliet qabel l-arraignment biex nikkonferma mill-esperjenza li għandi fil-Vice Squad illi rapes li jkun għadda ammont ta' żmien minn fuqhom ma tinfetaħx inkjesta rigward tagħhom."*

Jirriżulta wkoll li lanqas rapport fis-sistema tal-pulizija magħrufa bħala PIRS ma ddaħħal. *"Ir-rapport, le, ma daħalx PIRS. Ir-rapport sar fl-uffiċċju tiegħi fejn ittieħdu primi noti. Saret kwerela bil-fomm"*[26].

**2. Iċ-*chats***

Iċ-chat mogħtija lill-imputat waqt l-interrogazzjoni mhix esebita u ġiet esebita verżjoni oħra. L-Ispettur Bernardette Valletta tikkonferma li dik esebita mhix dik kompluta li ngħatat lid-difiża waqt l-interogazzjoni fid-*disclosure* u dik li esebita kellha format differenti u r-ritratti u stampi ta' magħha kienu mneħħija f'din il-verżjoni. Din iċ-chat kompluta qatt ma kienet esebita mill-Prosekuzzjoni.

[26] *Xhieda tal-1 ta' Awwissu 2019*

Il-Prosekuzzjoni naqset li tipproduċi x-xhieda ta' *service providers* biex jagħtu informazzjoni fuq in-numri tal-mobiles tal-imputat u l-*parte civile.*

Ma ntalbitx informazzjoni lis-*service providers* dwar messaġġi li għaddew bejn l-imputat u l-*parte civile*.

Is-Cybercrime Unit ma kinitx involuta biex tanalizza ċ-chat allegatament mogħtija lill-Ispettur Bernardette Valletta u l-kontenut ta' mobile li ttieħed mingħand l-imputat waqt l-istħarriġ u tirraporta l-konklużjonijiet tagħha. Dwar dan l-Ispettur xehdet[27]:

> *Avukat Dottor Giannella De Marco:*
>
> *Iċ-chat inti ivverifikajt jekk ġiex deleted ċertu affarijiet jew le?*
>
> *Ix-xhud:*
>
> ***Dik m'għandix aċċess għaliha; fil-fatt ikun hemm minn naħa tas-Cyber Crime li għadhom għaddejjin l-investigazzjonijiet minn naħa tagħhom.*** [enfasi tal-Qorti][28]
>
> *Avukat Dottor Giannella De Marco:*
>
> *Tajt lis-Cyber Crime t-telephone tagħha jew mobile jew laptop jew minn xhiex niżżilt inti din iċ-chat?*
>
> *Ix-xhud:*

[27] *a fol.* 47 *et seq.*

[28] Din id-dikjarazzjoni tal-Ispettur Bernardette Valletta kienet kontradetta minnha stess meta rriżulta li sakemm kienet qiegħda tixhed fl-1 ta' Awwissu 2019 ma kinitx involviet lit-taqsima speċjalizzata tas-Cyber Crime u dan ma sarx lanqas fil-perjodu li kien qiegħed jinstema' dan il-każ.

*Il-parti tas-Cyber Crime għadha se tittieħed il-mobile il-dan, dan kollox sar fi żmien qasir –*

*Avukat Dottor Giannella De Marco:*

*Spett, qed insaqsik il-mobile tagħha minn fejn inti niżżilt iċ-chat, tajtu lis-Cyber Crime? Iva jew le.*

*Ix-xhud:*

*Għadu ma ngħatax, le.*

*Avukat Dottor Giannella De Marco:*

*Għadu għandha?*

*Ix-xhud:*

*Għadu għandha eħe,*

*Avukat Dottor Giannella De Marco:*

*Ma ħadtulhiex inti.*

*Ix-xhud:*

*Fl-istess ħin ukoll ħa ngħaddi ukoll mobile ċellulari ta' OMISSIS –*

*Avukat Dottor Giannella De Marco:*

*Mela, ma ħadtulhiex, bħala fatt ma ħadtulhiex.*

*Ix-xhud:*

*Le, għalissa ma ħadtulhiex.*

*Avukat Dottor Giannella De Marco:*

*Ma ħadtux. Lill-Maġistrat li inti tlabtha tagħmel arrest warrant, tlabtha tiftaħ inkjesta ħalli taħtar esperti?*

*Ix-xhud:*

*Jiena kont tkellimt ma' Maġistrat iżda kien qalli illi wara tlett snin mhux ħa tinfetaħ inkjesta.*[29]

Fis-seduta tad-19 ta' Diċembru 2019 ġie preżentat *mobile phone* li nstab fil-*working file* tal-każ b'isem l-imputat fuq l-envelope, liema *mobile* ma kienx analizzat la mis-Cyper Crime Unit u lanqas ma ntalab espert biex janalizza l-kontenut fih.

Fil-verbal tas-seduta kien imniżżel li: *L-Ufficcjal Prosekutur l-Ispettur Jonathan Ransley qed jesebixxi mobile phone sigillat go envelope li kien anness gewwa working file u li fuq l-envelope hemm il-ktiba 'OMISSIS – OMISSIS – Go Mobile – li qed jigi mmarkat bhala dok JR1. L-envelope bil-kontenut go fih gie esebit tale quale kif gie mghoddi lill-Ispettur Jonathan Ransley gewwa l-working file u dan l-envelope qatt ma nfetah mill-istess Spettur Jonathan Ransley.*

F'dawn il-proċeduri fl-ebda ħin OMISSIS ma kkonfermat il-kontenut kollu taċ-chats li preżentat l-iSpettur Valletta fil-każ u li jinsabu mmarkati bħala DOK BVX1.

L-imputat kien ta l-mobile tiegħu lill-Ispettur Valletta biex hi tista' tagħmel il-verifiki tagħha. Fis-sottomissjonijiet tad-difiża jingħad li hu *"kien taha l-password tiegħu għat-telephone tiegħu; hu m'huwiex f'pożizzjoni li jgħid li dak li ġie esebit huwiex kollu fl-intier tiegħu, jekk*

[29] *a fol.* 47 *et seq.*

*kienx doctored, jekk kienx hemm partijiet neqsin jew partijiet miżjudin jew partijiet moved. Jiġifieri aħna dan il-valur ta' dawn iċ-chats hu li hu. Però ċertament li hi ikkonfermat li qalet li ħadet gost u OMISSIS jikkonferma li wara dak il-lejl hi qaltlu kemm ħadet gost u li anke bagħtitlu selfie biex tgħidlu, yes, kemm ħadet gost dak il-lejl ta' qabel."*[30]

**3. <u>Ix-xhieda tal-parte civile</u>**

Il-*parte civile* filwaqt li tagħti dettalji dwar 1) x'ġara dakinhar tal-ħarġa tagħha biex tiċċelebra l-birthday inkluż tgħid li kienet se tixrob u tagħti dettalji speċifiċi li l-bodyguard kien ġibdilhom l-attenzjoni fuq l-istat li kienet u tgħid li rremettiet fuqu[31], 2) ma ftakret xejn ta' x'ġara meta kienet fil-flat tal-imputat u min kien hemm aktar preżenti fl-istess flat, 3) ma tafx x'ġara bejnha u l-imputat ħlief mill-messaġġi taċ-chat, 4) tiftakar x'għamlet filgħodu, fejn marret terġa' tiltaqa' mal-imputat għand Pizza by Luca, 5) tiftakar fuq il-vjaġġ bil-karrozza tal-linja lejn iċ-Ċirkewwa, 6) tiftakar fuq il-vjaġġ bil-vapur.

Il-*parte civile* tgħid li marret il-flat tal-imputat u qalet tiftakar li xi ħadd neżżagħha, tiftakar li qamet għarwiena, tiftakar li kellha titlaq għaliex qalet li OMISSIS qalilha ġej ħuh mat-tfajla, tiftakar li libset, tiftakar li kellha l-ħwejjeġ, qalet li kellha xi remettar fuq ħwejjiġha, u

[30]Seduta tat-13 ta' Marzu 2020

[31] Il-Prosekuzzjoni m'għamlux attentat biex jidentifikaw min kien xogħol dakinhar fil-kumpless imsemmi biex forsi jiftakar xi dettalji, għalkemm xeni ta' persuni li waqt li jkunu jixorbu huwa normali għalihom.

tiftakar li marret il-flat tagħha bil-mixi. Tiftakar li bdew idoqqulha l-horn. **<u>Però x'ġara waqt l-inċident qalet li ma tiftakarx.</u>**

## 4. <u>X'ġara qabel telqet mill-party</u>

OMISSIS xehdet li kienet marret party, tgħid li dan kien il-birthday tagħha, għalqet tmintax (18)-il sena, tgħid li xorbot u tiftakar li ġie xi *bodyguard* fuqha u l-ħabiba tagħha OMISSIS li qalilha "*jekk ħa tibqa' sejra hekk se jkollha toħroġha*," ħaġa li OMISSIS, il-ħabiba tagħha xhud tal-Prosekuzzjoni ma tikkorroborax. OMISSIS fl-ebda ħin ma tgħid li din kienet fis-sakra, li kien hemm is-*security* li ried joħroġha 'l barra, li s-*security* qallha biex toħroġ lil OMISSIS barra, li qalgħet fuq iż-żarbun tas-*security*.

Il-*parte civile* tgħid fix-xhieda tagħha li "*niftakar li xi ħadd refagħni u ħariġni barra.*" Ix-xhud OMISSIS tgħid li kienu flimkien fil-party qed jieħdu gost, li mbagħad ratha qiegħda titkellem ħdejn il-kiosk tal-*hotdogs*. Tgħid li OMISSIS qaltilha li trid tmur mal-Għawdxin, qalet ma tafx min kienu l-Għawdxin, pero', "*għidtilhom, all right, ħudu ħsiebha.*" Meta ġiet mistoqsija dwar l-istat ta' OMISSIS jekk kinitx fis-sakra?" ix-xhud qalet, "*le, kienet taf x'inhi tagħmel, kienet ftit tipsy*". Ix-xhud spjegat li OMISSIS kienet taf x'inhi tagħmel, kienet deċiżjoni tagħha li tmur magħhom u qalet "*jiena mort id-dar tiegħi*". Il-*parte*

*civile* iddeċidiet titlaq il-ħbieb tal-iskola u tmur ma' ħbiebha l-Għawdxin.

## 5. X'ġara wara li waslu fil-flat

Dwar x'ġara fil-flat il-Qorti rat x'qal ix-xhud OMISSIS li qal li hu ġie arrestat skont l-Ispettur Bernardette Valletta fuq allegazzjoni ta' rape, inżamm forty-eight hours fuq allegazzjoni ta' rape. Fix-xhieda tiegħu jgħid li ra lil OMISSIS ħdejn il-*hotdog* stand tiekol u titkellem ma' OMISSIS l-ewwel darba li raha, jiġifieri wara l-party, jgħid li ġiet magħhom ġot-taxi peress li hi toqgħod ħdejn il-flat ta' OMISSIS fejn kienu qegħdin joqogħdu. Jgħid li marret magħhom il-flat u li telgħet fil-flat magħhom. Jgħid "*jiena dħalt ġol-kamra tas-sodda ta' OMISSIS, imbagħad OMISSIS ġie ħdejja ġol-kamra tas-sodda, imbagħad ġiet hi*."[32] U jgħid "*Hi minn jeddha ġiet*." Jgħid ukoll li OMISSIS meta mistoqsi, "*Kienet fis-sakra?*" "*Kienet naqra tipsy, hekk, tieħu gost hu. Kienet qiegħda tieħu gost*." Jgħid "*tidħaq u tieħu gost. Kienet miexja normali*." Il-Qorti qaltlu, "*Kienet taf fejn sejra? Kienet taf x'qed tagħmel?*" Ix-xhud tal-OMISSIS qal, "*Iva, mela, kienet qed tkellimna*." Il-Qorti: "*Normali kienet qed tkellimkom*?" Xhud: "*Mela, mela, mela*." Qal "*imbagħad OMISSIS ġiet ħdejna fuq is-sodda, jien kien mingħalija li kienet ħa tmur fil-kamra l-oħra*."

---

[32] *a fol* 177

Qal, "*Imbagħad OMISSIS u OMISSIS bdew jitbewsu, jien qbadt, qomt u mort fil-kamra l-vojta l-oħra.*"[33]

## 6. <u>Il-kunsens</u>

Mix-xhieda ta' OMISSIS joħroġ li din kienet l-ewwel esperjenza tiegħu ma' tfajla, hi kienet ta' esperjenza, kellha diġa x'taqsam ma' ħaddiehor qabel u hi insistiet miegħu li jkollha x'taqsam miegħu. Hi kienet *proud* li kienet l-ewwel waħda li kien se jkollha x'taqsam miegħu. L-imputat jgħid li kollox kien istigat mil-*parte civile*.

Fl-unika seduta[34] li dehret quddiem din il-Qorti l-Ispettur Bernardette Valletta[35] spjegat li:

> *<u>Ix-xhud</u>:*
> *Kellha relazzjoni intima oħra hi qabel.*
> *<u>Il-Qorti</u>:*
> *Kellha qabel.*
> *<u>Avukat Dottor Giannella De Marco</u>:*
> *Hux hekk?*
> *<u>Ix-xhud</u>:*

---

[33] *a fol* 174
[34] Fl-1 ta' Awwissu 2019
[35] Mis-seduta tal-11 ta' Settembru 2019 ma dehritx aktar b'dakinhar tintalab li tkun skużata minħabba li kienet b'long sick leave u wara kienet sostitwita biex il-każ seta' jitkompla mill-Ispettur Jonathan Ransley.

*Eħe.*

<u>*Avukat Dottor Giannella De Marco*</u>*:*

*U ngħid sew li, joħroġ miċ-chat ukoll, donnu tikkonfermah hi ukoll, li però għall-akkużat kienet l-ewwel darba għalih,*

<u>*Ix-xhud*</u>*:*

*Yes,*

<u>*Avukat Dottor Giannella De Marco*</u>*:*

*Kemm miċ-chat u anke meta tkellimt miegħu, eħe.*

<u>*Ix-xhud*</u>*:*

*Inżid ngħid li kienet l-ewwel darba u xtaq, għax tgħid fiċ-chat ukoll illi xtaq li jkollu, imma l-ewwel darba kienet hawnhekk, l-ewwel darba li kellu relazzjoni intima.*

<u>*Avukat Dottor Giannella De Marco*</u>*:*

*Mela, he was a virgin and she wasn't, biex nitkellmu ċar, correct?*

<u>*Ix-xhud*</u>*:*

*Iva, mela. Mhix problema. Eħe, hu kien verġni, qatt ma kellu x'jaqsam.*

<u>*Avukat Dottor Giannella De Marco*</u>*:*

*U hi ma kinitx.*

<u>*Ix-xhud*</u>*:*

*U hi ma kinitx.*

<u>*Avukat Dottor Giannella De Marco*</u>*:*

*Issa, u ngħid sew li meta hi qaltlu fiċ-chat li hi ħadet gost, kienet hi l-ewwel waħda li qalet li "she had fun"? U hu qallha, "Who said I didn't?!" Jekk iddur fiċ-chat l-ewwel persuna li jgħid kemm ħa gost,*

*huwa hi li tgħid, "Oh, well I had fun, ħaħ, ħaħ, ħaħ, ħaħ" and he said "Who said I didn't, ħaħ, ħaħ!" And OMISSIS said "Yes!" correct?*

*Issa, ngħid sew li hi meta OMISSIS qalilha li hi ftakret, hi minn jeddha fiċ-chat semmiet lil OMISSIS li speċi she was overwhelmed li hi għalih it was his first time? Meta, on the eighteenth (18th), 'il għada bagħtitlu chat filgħaxija, qaltlu, "hawn man!" insomma mhux filgħaxija, waranofsinhar, "Int vera kienet l-ewwel darba jew?! Għax it's overwhelming?"*

*Ix-xhud:*

*Nikkonferma li anke qiegħda fuq iċ-chat li ippreżentajt jien.*

Waqt ix-xhieda li tat l-Ispettur Bernardette Valletta tgħid ukoll:

*Avukat Dottor Giannella De Marco:*

*Ngħid sew li hi qaltlu li she enjoyed it?*

*Ix-xhud:*

*Hu bagħtilha ritratt tas-sodda u hi kitbet "That blessed bed!" u hu qallha –*

*Avukat Dottor Giannella De Marco:*

*Jiġifieri ftakret "That blessed bed!"!*

*Ix-xhud:*

*"That blessed bed!" imbagħad hu qallha "għandha r-rieħa tiegħek."*

*Avukat Dottor Giannella De Marco:*

*"That blessed bed! Ħaħ, ħaħ, ħaħ, ħaħ!"*

*Ix-xhud:*

*Orrajt, "ħħa ħħa"*

<u>Avukat Dottor Giannella De Marco</u>*:*

*Mela, she was laugħing "that blessed bed!" it wasn't "Ahhhhh! That blessed bed!" "It- was that blessed bed! Ħaħ, ħaħ, ħaħ!" correct?*

<u>*Ix-xhud*</u>*:*

*Jiena nerġa' ngħid Sur Maġistrat li hi x'qalet lili u x'irrispondietni meta jiena ikkonfrontajtha b'dawn l-affarijiet għax jiena, jiena stess ikkonfrontajtha għalxiex għamlet ir-rapport wara tlett snin, għalxiex fittxet kitbet dawk l-affarijiet u hi stqarret li għal bidu kienet taħt xokk, fl-istess ħin qed tħossha illi ma tafx x'ġara u shame at the same time talli hi, għax għall-bidu ħassitha illi kien tort tagħha li ġara li ġara għax hi kienet fis-sakra.*

Fix-xhieda tal-investigatur tal-każ ħareġ ukoll li qabel għamlet ir-rapport il-*parte civile* kienet għamlet stedina lill-imputat biex imur magħha tieġ u diskussjonijiet oħra li kien hemm bejniethom tul ix-xhur:

<u>*Il-Qorti*</u>*:*

*Issa, mill-investigazzjoni tiegħek, ħareġ li din kienet tafu qabel meta ltaqgħu hemmhekk?*

<u>*Ix-xhud*</u>*:*

*Iva mela, mela. U għamlu żmien kienu għadhom iżgħar, ta' żgħażagħ li huma, u kienu jiddejtjaw flimkien, fejn imbagħad hi*

*kienet spiċċat minn miegħu u hu kien ħadha bi kbira u anke tinstema' fiċ-chat il-konverżazzjoni fejn jgħid illi speċi ta illi –*

*Il-Qorti:*

*Imma wara dan il-lejl li ġara li spiċċaw jew wara?*

*Ix-xhud:*

*Le, huma kienu joħorġu diversi snin qabel flimkien.*

*Il-Qorti:*

*Sewwa. Imma mbagħad reġgħu ltaqgħu hawnhekk, issa ma nafx iltaqgħux qabel jew le, imma wara dakinhar, wara dakinhar tal-lejl ta' Aria li semmejt, kienu ħarġu xi darba flimkien?*

*Ix-xhud:*

*Le, mill-informazzjoni li għandi jien le. Naf li ġieli stedinha hu biex anke jekk jidhirli sew imorru jiġru, u darba kienet ukoll hi stednitu biex imur tieġ magħha.*

*[...]*

*Avukat Dottor Giannella De Marco:*

*Inti għidt fix-xhieda tiegħek li hi talbitu jmur magħha tieġ, Baqgħet tiffittah ħafna biex imur magħha dan it-tieġ?*

*Ix-xhud:*

*Mela, jidhirli li eħe reġgħet staqsietu biex imur magħha t-tieġ.*

*Avukat Dottor Giannella De Marco:*

*Nistgħu ngħidu iktar minn darba? Bdiet tgħidlu, "u ejja, ejja, come one, għaliex, importanti, ejja, għalija!"*

<u>*Ix-xhud*</u>*:*

*Nikkonferma imma li qaltlu iżjed minn darba. Fil-fatt sibtha, staqsietu għat-tieġ fit-tlettax (13) ta' Lulju elfejn u sbatax (2017) u qaltlu, "You want to come for OMISSIS and OMISSIS's wedding with me?" Qallha, "Ħe, ħe, I would imma għax għadni nitkellem magħha OMISSIS, ma rridx inweġġa' lil ħadd jien."*

<u>*Avukat Dottor Giannella De Marco*</u>*:*

*Dan kien malli he had broken up with his girlfriend, hi talbitu – ?*

<u>*Ix-xhud*</u>*:*

*Kien lesta, li kien spiċċa minn ma' OMISSIS. Nemmen li kienet iktar, f'parti oħra taċ-chat, għax f'ta' qabel kien hemm illi kienu qegħdin jitkellmu u reġa' qal "it was the best night of his life" u "Seriously!" qaltlu, "I was unconscious," hu qallha, "was fucking fun, ħaħ, ħaħ," u qaltlu, "int għala ħassart? May I ask?" hemmhekk toħroġ.*

<u>*Ix-xhud*</u>*:*

*Li hu kien għadu kemm ħassar eħe.*

<u>*Avukat Dottor Giannella De Marco*</u>*:*

*Mela, allura malli kien għadu kemm ħassar, din talbitu joħroġ magħha. Correct?*

<u>*Ix-xhud*</u>*:*

*Talbitu biex imur tieġ magħha.*

<u>*Avukat Dottor Giannella De Marco*</u>*:*

*Eħe, as her date, mhux hekk?*

<u>*Ix-xhud*</u>*:*

*Nimmaġina. As her invite.*

*<u>Avukat Dottor Giannella De Marco</u>:*

*As her invite.*

*U baqgħet tippersisti u qallha le.*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Fil-fatt qaltlu darbtejn wara, qaltlu baqa' three weeks, mela biex inkun eżatti, qallha, kif għidtlek qabel qallha, "ħe, ħe, I would imma għax għadni nitkellem magħha, OMISSIS, ma rridx inweġġa' lil ħadd jien." U hi qaltlu, "Kemm ilek li ħassart?" Qallha Three weeks, imma din il-ġimgħa ltqajna, nitkellmu ftit u hekk." Qaltlu, "No worry, they're not, IDC," li fiċ-chat taż-żagħżagħ, "I don't care",*

*<u>Avukat Dottor Giannella De Marco</u>:*

*"I don't care," li jekk jibdew ipaċpċu I don't care qaltlu.*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Hu qallha imma anke kieku qiegħed miegħek lanqas niġi għax lejliet il-festa. U hi qaltlu, "Baqa' three weeks għall-wedding; make me a favour ta' ħabiba please, ħa, ħa, ħa." Hu qallha, "sorry babe, taf li jiena l-festa ħajti." U reġgħet qaltlu, "U ejja, mhux ġurnata!"*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Hawnhekk ma jgħidx id-data ta' meta t-tieġ. U qallha, "Sorry babe, taf li jiena l-festa ħajti." Qaltlu , "ejja, mhux ġurnata! Lanqas, nofstanhar." Qallha, "I wish I could, imma mal-festa no, no." U hi qaltlu, "OMG, you are an addict ay!"*

Il-*parte civile* qalet li "*OMISSIS użani,*" iżda ma tiftakar xejn x'ġara fil-kamra tas-sodda. Qalet "*OMISSIS użani f'mument li ma kontx, ma stajtx nagħti l-kunsens tiegħi fil-fehma tiegħi.*" Jiġifieri hi kellha **opinjoni li hi ma setgħetx tagħti l-kunsens tagħha**. **Pero' jekk qed tgħid li ma tiftakarx x'ġara, kif għandha opinjoni dwar x'ġara?** Il-fatt li ma tiftakarx u m'hu msaħħaħ bl-ebda prova oħra l-Qorti ma tistax tasal għall-konklużjoni **li ma kienx hemm kunsens**.

**7. Min jakkuża jrid jipprova**

Il-*parte civile* u r-rappreżentanti legali tagħha dehru biss fis-seduta li xehdet hi u ma dehru fl-ebda seduta oħra, lanqas fl-aħħar seduta fejn setgħu jagħmlu sottomissjonijiet finali. Ghalkemm m'hemmx obbligu biex ikunu preżenti waqt il-proċess, il-leġislatur ta din l-opportunita' lill-*parte civile* (allegata vittma) biex mhux biss isegwu l-proċess imma jikkontrollaw u jgħinu biex il-Qorti jkollha l-istampa kollha quddiemha meta tiġi biex tiddeċiedi.

Il-Prosekuzzjoni li bidlet l-idejn wara l-ewwel seduta, m'għamlitx sottomissjonijiet ħlief li ddikjarat li "tistrieħ fuq il-provi prodotti". Il-Qorti tifhem li l-Prosekutur[36] li ħa l-każ f'idejh wara l-investigatur oriġinali għamel li seta' biex isalva l-proċess imma kien leali ħafna lejn il-Qorti waqt il-ħidma tiegħu.

[36] L-Ispettur Jonathan Ransley

**L-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat huma serji ħafna u la l-pulizija għażlu li jipproċedu wara rapport tal-*parte civile* kellhom jieħdu l-każ bis-serjeta' u jressqu l-provi kollha li jitfgħu dawl fuq il-każ. Il-provi kellhom ikunu f'idejn il-pulizija qabel iddeċidew li jressqu lill-imputat il-Qorti** u mhux iwegħdu li se jagħmlu dan waqt il-proċess kif iddikjarat l-Ispettur Bernardette Valletta li kienet se tgħaddi l-*mobile* tal-imputat lis-Cybercrime Unit biex jagħmlu l-analiżi fuqu meta l-proċess kien diga' beda. Il-Prosekuzzjoni la m'għamlitx dan, kellha wkoll kull opportunita' li titlob lill-Qorti biex jinħatar espert li jkun jista' jagħmel dan, liema talba ma saritx.

**Hija irresponsabbilta' kbira li persuna titressaq il-Qorti dwar allegat każ li seħħ tliet snin qabel u ma jsirx l-istħarriġ kollu** inkluż stħarriġ mit-taqsima tas-Cybercrime Unit meta l-każ li pruvat tibni l-prosekuzzjoni kien fuq allegata *chat* bejn l-imputat u l-*parte civile*.

**8. Livell ta' prova**

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Brian Caruana** fit-23 ta' Mejju 2002 qalet li:

> **"Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi u mill-evalwazzjoni tal-fatti li jagħmel il-ġudikant u jekk il-konklużjoni li jkun wasal għaliha il-ġudikant tkun perfettament raġġunġibbli bl-użu tal-loġika u l-buon sens u bażata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li**

**tissostitwiha b'oħra anki jekk mhux neċessarjament tkun l-unika konklużjoni possibbli."**

F'dar-rigward din il-Qorti tfakkar, li l-artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi li **"ix-xiehda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min għandu jiġġudika fuq il-fatt, hija biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar"**.

Din il-Qorti iggwidata b'dawn il-linji gwida ġurisprudenzjali u legali u minn eżami taċ-ċirkostanzi tal-każ u l-provi prodotti tqis li l-Prosekuzzjoni ma ppruvatx l-imputazzjoni miġjuba kontra l-imputat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni.

## 9. Il-każijiet *bona fede* biss għandhom jersqu quddiem il-Qrati

Il-Qorti tagħmel referenza ghal dak deċiż mill-House of Lords in **Purdy (R (on the application of Purdy) v Director of Public Prosecutions [2009] UKHL 45)** fejn Lord Hope iddikjara li: "*It has long been recognised that a prosecution does not follow automatically whenever an offence is believed to have been committed.*"

Il-Qorti tagħmel referenza għal dak li proponiet l-Imħallef Consuelo Scerri Herrera fis-seduta inawgurali tagħha tal-11 ta' Lulju 2018:

> "Forsi wasal iż-żmien sabiex tiġi introdotta sistema ta' skrutinju aktar rigoruża sabiex ikunu biss dawk il-każijiet *bona fede* li jersqu quddiem il-Qrati. Għalkemm din hi proposta kontroversjali, **rajna każijiet fejn il-prosekuzzjoni tressaq biex tilgħab *safe*.** Dan fil-fehma tiegħi m'għandux ikun. Apparti t-trawmi li jgħaddu minnhom dawk il-persuni u l-familji tagħhom! In oltre, dan għandu allura jtaffi l-piż li l-Qrati tagħna mgħobbija bih fil-preżent. Mill-banda l-oħra, il-ġustizzja tista' tiġi servuta fejn mistħoqq fi żmien aktar raġjonevoli. Dan in lineja mal-prinċipju – *justice delayed is justice denied."* [Enfasi tal-Qorti]

Kieku f'pajjiżna għandna skrutinju aktar rigoruż sabiex ikunu biss dawk il-każijiet *bona fede* li jersqu quddiem il-Qrati, kieku dan il-każ ma kienx jispiċċa quddiem din il-Qorti.

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi l-Qorti ma ssibx lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih u tilliberah.

**Il-Qorti tordna divjett fuq isem l-imputat, il-*parte civile* u l-ismijiet kollha li ssemmew f'dan il-każ minn kull mezz ta' pubblikazzjoni u xandir.**

**Dr. Joseph Mifsud**
**Maġistrat**